Vol 31
Nru 168
April - Ġunju 2010

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2010

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Emmaws El-Qubeibeh*

# Werrej


5



15


21



27

5 Fejn tinsab Emmaws tal-Evanġelu?

15 Ikoni ta' maħfra u fejqan fl-Evanġelji (2)

21 L-Attenzjoni ta' Ġesù lejn in-nisa f'Luqa (1)

27 Il-Via Dolorosa (2)

35 Il-konverżjoni fil-Bibbja

42 Saċerdozju ta' Kristu fl-ittra lil-Lhud (2)

35



# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## Konferma tal-Kustodju

B'digriet uffiċjali mill-Ministru Ġeneral tal-Ordni Franġiskan, Patri José Rodriguez Carballo ofm, li jġib id-data tat-22 ta' Mejju 2010, ġie mħabbar li Patri Pierbattista Pizzaballa ofm ġie konfermat bħala l-165 Kustodju tal-Art Imqaddsa għat-tliet snin li ġejjin (2010-2013). Patri Pierbattista ilu Kustodju mit-2 ta' Ġunju 2004 (nominat fil-15 ta' Mejju). Il-Kustodju jkopri mandat ta' sitt snin, bħal kull Ministru Provinċjal fl-Ordni Franġiskan, imma l-mandat tiegħu jista' jiġi mtawwal bi tliet snin oħra. Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa hu nominat mill-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri, bl-approvazzjoni tas-Segreterija tal-Istat tas-Santa Sede.

Patri Pierbattista Pizzaballa għandu 45 sena. Hu twieled l-Italja, f'Cologno al Serio, fil-provinċja ta' Bergamo, fil-21 ta' April 1965. Daħal Franġiskan fil-provinċja ta' Kristu Re tal-Emilia Romagna (Bologna) fil-5 ta' Settembru 1984, u għamel in-novizzjat tiegħu fil-kunvent ta' La Verna. Għamel l-ewwel Professjoni fis-7 ta' Settembru 1985. Fl-14 ta' Ottubru 1989 għamel il-Professjoni Solenni. Ġie ordnat saċerdot fil-15 ta' Settembru 1990, wara li kiseb il-Baċċellerat fit-Teoloġija fil-Pontificium Athenaeum Antonianum ta' Ruma (illum Pontificia Università Antonianum) fid-19 ta' Ġunju 1990.

Fl-istess sena mar l-Art Imqaddsa biex jagħmel studji speċjalizzati fl-Iskrittura



*...editorjal*

## *Konferma tal-Kustodju*

fl-iStudium Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalemm, fejn kiseb il-grad akkademiku ta' Liċenzjat fit-Teoloġija Biblika fil-21 ta' Ġunju 1993 taħt il-gwida tal-professur Alviero Nicacci ofm. Kompla l-istudji tiegħu fl-Università Ebrajka ta' Ġerusalemm, fejn speċjalizza fl-Ebrajk modern (1993-1994), u wkoll fl-Iskrittura (1995-1999). Fl-1998 beda jgħallem bħala assistent professur tal-Ebrajk Bibliku u tal-Ġudaiżmu fl-iStudium Biblicum Franciscanum u fis-seminarju internazzjonali Franġiskan ta' San Salvatur f'Ġerusalemm.

Fit-2 ta' Lulju 1999 daħal uffiċjalment fis-servizz tal-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa. Bejn l-2001 u l-2004 kien superjur tal-kunvent ta' San Xmun u Sant'Anna f'Ġerusalemm, fejn kien ukoll kappillan tal-komunità Kattolika ta' lingwa Ebrajka f'Ġerusalemm. Kien assistent ġenerali tal-Isqof Awżiljarju tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm għall-Kattoliċi ta' lingwa Ebrajka, Mons. Jean-Baptiste Gourion (li miet fl-2005). Mill-2005 sa l-2008 Patri Pizzaballa kien Vigarju Ġenerali tal-komunità ta' lingwa Ebrajka f'Iżrael.

Fit-28 ta' Marzu 2008 l-Papa ħatru bħala Konsultur tal-Kummissjoni għar-relazzjonijiet reliġjużi mal-Lhud, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Għaqda fost l-Insara.

Patri Pierbattista Pizzaballa inawgura t-tieni mandat tiegħu bħala Kustodju waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-I Għasar ta' Pentekoste fil-knisja ta' San Salvatur f'Ġerusalemm, fejn għamel l-Istqarrija tal-Fidi quddiem il-Viżitatur Ġenerali Patri Francesco Bravi ofm, li qara d-digriet tal-Ministru Ġeneral. Nhar is-solennità ta' Għid il-Ħamsin, il-Ħadd 23 ta' Mejju, Patri Pierbattista ċċelebra Quddiesa pontifikali fil-knisja ta' San Salvatur. Filgħaxija mbagħad, ħa l-pussess uffiċjali tiegħu taċ-Ċenaklu, li hu l-ewwel kunvent tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa (1333), waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-II Għasar ta' Pentekoste, li fih il-Viżitatur ħabbru uffiċjalment bħala l-165 Kustodju tal-Art Imqaddsa, bit-titli ta' Gwardjan taċ-Ċenaklu u tal-Qabar ta' Kristu.

Patri Pierbattista Pizzaballa issa se jibda l-ministeru tiegħu biċ-ċelebrazzjoni tal-Kapitlu Kustodjali bejn il-5 u l-15 ta' Lulju 2010, li jfassal il-programm ta' ħidma tal-Kustodja għat-tliet snin li ġejjin.

Nawguraw lil Patri Pierbattista kull suċċess fil-ħidma mġedda tiegħu bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa, u nwegħduh it-talb tagħna.




# FEJN TINSAB EMMAWS TAL-EVANĠELJU?

*Noel Muscat ofm*

Ir-rakkont tal-manifestazzjoni ta' Ġesù rxuxtat liż-żewġ dixxipli nhar Ħadd il-Għid filgħaxija, waqt li kienu mexjin lejn raħal jismu Emmaws, hu rakkontat minn San Luqa 24,13-35. L-Evanġelista jgħid li "dak in-nhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Emmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm". Il-lokalizzazzjoni ġeografika tar-raħal ta' Emmaws għadha sallum oġġett ta' diskussjoni fost l-istudjużi. Biżżejjed ngħidu li

hemm almenu erba' postijiet li t-tradizzjoni jew l-istorja torbothom mar-raħal ta' Emmaws. Dawn huma r-raħal Palestinjan ta' Emmaws El-Qubeibeh, ir-raħal ta' Abu Gosh, ir-raħal ta' Motza u s-sit arkeoloġiku ta' Nikópolis, ħdejn Latrun. Filwaqt li l-ewwel tliet postijiet jinsabu bejn wieħed u ieħor fl-istess żona fuq ix-xaqliba tal-Punent ta' Ġerusalemm, l-aħħar post hu ħafna aktar imbiegħed, għalkemm jinsab ukoll fl-istess direzzjoni.

## Id-diversi possibiltajiet ta' fejn setgħet tkun Emmaws

Ir-raħal ta' Emmaws jiġi identifikat minn San Luqa bħala li jinsab 60 stadju bogħod minn Ġerusalemm. Ta' min jgħid mill-ewwel, iżda, li xi verżjonijiet tal-Evanġelju jitkellmu minn 160 stadju. Din il-miżura Rumana ta' distanza tikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 185 metru. Mela 60 stadju jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor għal 11-il kilometru. Jekk wieħed jagħżel il-verżjoni li ġġib 160 stadju, mela wieħed jasal għal 29.6 kilometri.

Id-diversi ismijiet li diġà tajna jaqblu sa ċertu punt ma' dawn id-distanzi. Emmaws El-Qubeibeh hu bogħod 12-il kilometru (65 stadju) minn Ġerusalemm. Abu Gosh hu bogħod 15.35 kilometri (83 stadju) minn Ġerusalemm. Motza hi bogħod 6.48 kilometri (35 stadju) minn Ġerusalemm. Nikópolis hu bogħod 32.56 kilometri (176 stadju) minn Ġerusalemm. Nagħtu preżentazzjoni qasira ta' kull wieħed minn dawn il-lokalitajiet, u niġbdu xi konklużjonijiet dwar fejn setgħet tkun sitwata Emmaws tal-Evanġelji.

## Emmaws El-Qubeibeh

Ewsebju ta' Ċesarija u Oriġene ma kienux jafu ħlief b'Emmaws Nikópolis, jiġifieri l-belt tal-pjanura li tissemma fl-1 Ktieb tal-Makkabin. Imma billi din, kif rajna, hi bogħod 165 stadju u mhux 60 stadju minn Ġerusalemm, biddlu d-distanza oriġinali li jagħti l-Evanġelju ta' Luqa f'160 stadju, kif għamel San Ġlormu fit-traduzzjoni tiegħu ta' l-Onomasticon ta' Ewsebju. Minkejja dan it-traduzzjoni tiegħu tal-Vulgata tgħid li Emmaws kienet bogħod 60 stadju minn Ġerusalemm.

Fis-sena 1099, meta l-armata Kruċjata kienet tielgħa minn Lidda lejn Ġerusalemm, għaddiet minn Beit Nuba (Bettenoble), fejn sabu triq Rumana. Huma identifikaw dan il-post bħala Emmaws tal-Evanġelju. Hawnhekk sabu għajn ta' ilma abbundanti li l-abitanti kienu jsejħulha Ain Adjab. Fil-post kien hemm il-fdalijiet ta' santwarju antik mibni fuq fdalijiet ta' bini Lhudi. Hawnhekk il-Kruċjati bnew kastell biex jiddefendi l-pellegrini li kienu jgħaddu biex minn Nabi Samwil ikomplu triqthom lejn Ġerusalemm. Kien magħruf bħala l-Kastell Arnoldo, u kien taħt il-ħarsien tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li fit-13 ta' Frar 1141 akkwistaw

l-artijiet ta' Emmaws bl-obbligu li jiddefendu l-pellegrini li kienu jgħaddu minn dik it-triq fil-vjaġġ tagħhom lejn Ġerusalemm. Fl-1192 għadda minn hemmhekk Richard the Lionheart, waqt it-tielet Kruċjata.

Fost il-pellegrini li żaru dan is-sit ta' Emmaws insemmu lil Ludolfo de Sudheim (1336-1350), Louis de Rochechuart (1461), Ariosti (1470), Félix Fabri (1480-1483) u bosta oħrajn, li sabu l-post abbandunat u f'rovina. Francesco Suriano (1541) jgħid li fil-post l-Għarab qalulu li l-isem tar-raħal kien Qubeibeh.

Il-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa tindika s-santwarju ta' Emmaws billi tidentifikah mar-raħal Palestinjan ta' El-Qubeibeh, li hu bogħod 65 stadju (12 km) minn Ġerusalemm. Ir-raħal jinsab fuq ix-xaqliba tal-Punent ta' Ġerusalemm, qrib l-għolja ta' Nabi Samwil (890 metru), fejn jinsab iċ-ċenotafju tifkira tal-Profeta Samwel. Din hi l-ogħla quċċata madwar Ġerusalemm, u l-Kruċjati kienu jsejħulha *Mons Gaudii*, il-muntanja tal-ferħ, għax minn fuqha kienu jilmħu għall-ewwel darba l-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm. F'Emmaws El-Qubeibeh il-Kruċjati sabu fortizza Rumana, li huma kienu jużawha u semmewha *Castellum Emmaus*. Huma bnew knisja hemmhekk. Maġenb il-knisja tal-Manifestazzjoni ta' Ġesù lid-dixxipli Kleofa u Xmun, hemm fdalijiet ta' triq Rumana, u rovini ta' bini tal-Kruċjati,


*Emmaws Nikópolis - Battisteru IV Seklu*

li hawnhekk identifikaw ir-rakkont evanġeliku ta' Luqa.

Fl-1852 il-Franġiskani skoprew dawn ir-rovini. Fl-1861 il-Markiża Paulina de Nicolay akkwistat il-proprjetà u tatha lill-Franġiskani. Hi stess għexet bħala eremita f'dan il-post u hi midfuna fil-knisja. Il-knisja sabiħa, bi tliet navati, inbniet fl-1902, fuq il-knisja li diġà kienu bnew il-Kruċjati. Fin-navata tat-Tramuntana hemm fdalijiet ta' bini Biżantin, jew forsi Ruman, li t-tradizzjoni tidentifikah bħala d-dar ta' Kleofa, li skont it-tradizzjoni miet martri hawnhekk. Id-dixxiplu l-ieħor, li Luqa ma jsemmix ismu, hu identifikat ma' Xmun, it-tieni isqof ta' Ġerusalemm.

Skont tradizzjoni antika li waslitilna permezz ta' l-istoriċi Eġesippu u Ewsebju ta' Ċesarija, l-"aħwa tal-Mulej" li jissemmew f'Mattew 13,55: Ġakbu, Ġużeppi, Xmun u Ġuda, jistgħu joffrulna l-ħjiel biex inħollu l-misteru dwar min kienu d-dixxipli ta' Emmaws. Nafu minn Eġesippu li Ġakbu "ħu l-Mulej" kien l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, u ġie martirizzat fis-sena 62. Is-suċċessur tiegħu bħala isqof ta' Ġerusalemm kien Xmun, bin Kleofa. Ġwanni 19,25 isemmi lil "Marija ta' Kleofa", li tista' tiġi meqjusa bħala "oħt omm" Ġesù, jiġifieri oħt il-Verġni Marija. Kleofa għaldaqstant kien iz-ziju ta' Ġesù, u Xmun kien ibnu, jiġifieri kuġin ta' Ġesù. L-istess kienu Ġakbu, Ġużeppi u Ġuda. Eġesippu jfakkar il-martirju ta' Kleofa fi żmien il-persekuzzjoni ta' Trajanu. L-istorja tiegħu ġiet mgħoddija lilna minn Ewsebju ta' Ċesarija fir-IV seklu.



*Abu Gosh - Knisja Kruċjata*

Eġesippu jsejjaħ lil Xmun "iben iz-ziju tas-Salvatur", u jgħid: "Xi eretiċi arrestaw Xmun ta' Kleofa għax kien dixxendenti ta' David u għax kien Kristjan. Hu sofru l-martirju meta kellu 120 sena, fi żmien l-imperatur Trajanu u l-konslu Attiku. Hu sofra torturi għal bosta ġranet, imma ta x-xhieda tiegħu bil-qawwa tar-rieda ta' raġel ta' 120 sena, u kulħadd stagħġeb bir-rieda soda tiegħu. Hu mbagħad ġie msallab". Kleofa, li kien zijuh, ġie martirizzat fil-bieb ta' daru f'Emmaws. Il-fdalijiet ta' din id-dar, kif għedna, huma indikati fil-knisja ta' Emmaws.

Kien matul il-Gwerra ta' l-1939-1945 li l-Franġiskani Taljani, li ġew internati f'El-Qubeibeh mill-qawwiet militari Ingliżi, mandatarji tal-Palestina, bl-inizjattiva ta' l-arkeologu patri Bellarmino Bagatti għamlu skavi fiż-żona, u sabu l-fdalijiet Rumani u Kruċjati li semmejna. Il-fatt li minn hawn kienet tgħaddi triq Rumana u li d-distanza taqbel kważi perfettament ma' dak li jgħid San Luqa wassal lill-Franġiskani biex iqisu r-raħal ta' El-Qubeibeh bħala l-post li jikkorrispondi l-aktar għar-rakkont evanġeliku tar-raħal ta' Emmaws.

## Emmaws Nikópolis

Dan hu sit arkeoloġiku li jinsab qrib il-pjanura fejn jintemmu l-għoljiet tal-Lhudija. Illum hu qrib il-monasteru Trappista ta' Latrun, fit-triq prinċipali li minn Ġerusalemm tinżel lejn Tel Aviv u l-ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion. Hu bogħod 176 stadju (32.5 km) minn Ġerusalemm. L-isem Emmaws, jew Amwas, jidher fl-1 Ktieb tal-Makkabin 3,38-4,25, fejn jingħad: "Ġuda (il-Makkabi) malli sama', telaq bil-qalbiena tiegħu biex jaħbat għall-eżerċtu tas-sultan, li kien ħdejn Emmaws" (4,4). Hawnhekk, fis-sena 166 q.K., Ġuda Makkabew għamel rebħa kbira fuq l-armata tas-Selewċidi, immexxija minn Nikanor u Gorġja. Il-belt ta' Emmaws Nikópolis kienet ġiet fortifikata mill-ġeneral Bakkidi (1Mak 9,50). B'din ir-rebħa Ġuda seta' jitla' bla xkiel Ġerusalemm biex jippurifika t-Tempju li kienu pprofanaw il-pagani. Kien ukoll f'dawn l-inħawi li l-Ktieb ta' Ġożwè jirrakkonta rebħa kbira li kienu għamlu l-Iżraeliti waqt il-battalja ta' Gibgħon (Ġoż 10,1-21), li saret fl-inħawi tat-telgħa ta' Bet-Horon (Ma'aleh Bet Horon) u fil-wita ta' Ajjalon (Emek Ayalon), li tinsab proprju fejn hemm is-sit arkeoloġiku ta' Emmaws Nikópolis.

Is-sit jinsab f'salib it-toroq li jgħaddu mill-kosta tal-Mediterran għal Ġerusalemm u mit-Tramuntana għan-Nofsinhar ta' Iżrael, fuq il-pjanura fertili tas-Sefela. L-isem fl-antik kien Hammot, li bil-Lhudi jfisser "għejjun ta' ilma sħun".

L-evidenza favur Emmaus Nikópolis hi qawwija ħafna fl-antikità Kristjana. Fl-ewwel seklu l-istoriku Josephus Flavius jitkellem minn post jismu Emmaous jew Ammous fil-kotba tiegħu *De bello Judaico* u *Antiquitates Judaicae*, u jirreferi

għal gwarniġjun Ruman li x'aktarx kien jinsab qrib Latrun, fit-triq li titla' lejn Ġerusalemm, mela qrib Emmaus Nikópolis tal-lum. Diversi manuskritti tal-Evanġelju skont San Luqa jitkellmu minn 160 stadju u mhux minn 60 stadju meta jindikaw id-distanza ta' Emmaws minn Ġerusalemm. Il-famuż *Codex Sinaiticus* tar-IV seklu jitkellem minn 160 stadju. Hekk ukoll jagħmlu Oriġene, Ewsebju ta' Ċesarija (*Onomasticon*), San Ġlormu, fit-traduzzjoni tiegħu tal-Vulgata, Sozomenu, u diversi pellegrini li żaru l-Art Imqaddsa mir-IV seklu 'l quddiem.

Naturalment tibqa' l-problema tad-distanza ta' Emmaws Nikópolis minn Ġerusalemm. Is-sit arkeoloġiku hu bogħod 32.5 kilometri. Dan ifisser li d-dixxipli kellhom jimxu 65 kilometru biex imorru Emmaws u lura lejn Ġerusalemm f'jum wieħed. Wieħed jikkalkula li persuna f'saħħitha tista' timxi 5.6 kilometri fis-siegħa. Dan ifisser li l-vjaġġ minn Ġerusalemm sa Emmaws kien ta' kważi 6 sigħat. Issa jekk wieħed irid iżid 6 sigħat oħra biex iż-żewġ dixxipli reġgħu lura lejn Ġerusalemm, dan ifisser li kellhom jimxu 12-il siegħa f'jum wieħed, ċifra kemxejn esaġerata u mhux tant possibbli. Hemm xi studjużi li jfakkru li l-espressjoni ta' Luqa: "il-jum ġa wasal biex jintemm" (Lq 24,29) ma tfissirx neċessarjament li kien diġà l-Ħadd filgħaxija meta Ġesù u d-dixxipli waslu Emmaws, għax billi l-jum Lhudi kien jibda wara nżul ix-xemx, il-ħin kollu ta' wara nofs in-nhar kien jiġi indikat bħala "filgħaxija". Mela d-dixxipli setgħu waslu Emmaws f'nofs il-jum, wara li vvjaġġaw nhar Ħadd il-Għid filgħodu, kielu ma' Ġesù u telqu mill-ewwel lura biex waslu Ġerusalemm qabel inżul ix-xemx, "nhar Ħadd il-Għid filgħaxija". Teorija interessanti, imma diffiċli biex wieħed jaċċettaha.

Is-sit arkeoloġiku ta' Emmaws Nikópolis ġie skavat f'diversi mumenti, l-aktar fl-1880, fl-1924 u fi żminijiet aktar reċenti. Kien l-arkeologu Edward Robinson li sab il-fdalijiet. Il-belt kienet toparkija fi żmien ir-Rumani, imma ġiet maħruqa b'ordni ta' Varus wara l-mewt ta' Erodi fis-sena 4 q.K. L-isem Nikópolis ingħata lill-belt fis-sena 222 meta Julius l-Afrikan, li kien Kristjan residenti f'Emmaws mar għand l-imperatur Ruman Elagabalus u talbu li l-belt tingħata t-titlu ta' *polis* imperjali u issemmiet Emmaws Nikópolis, jiġifieri "l-belt rebbieħa" ta' Emmaws.

Matul l-era Biżantina, Emmaws Nikópolis kienet sede episkopali importanti. Fil-fatt, l-isem Nikópolis jidher car fuq il-mappa tal-mużajk ta' Madaba, fil-Ġordanja, li hi ritratt ta' kif kienet il-Palestina fi żmien il-Biżantini, bejn wieħed u ieħor fis-seklu VI. Fir-IV u l-V sekli nbnew f'dan il-post żewġ bażiliċi, li l-akbar waħda fosthom kellha tliet absidi. Fl-iskavi ta' l-1924 instabu fdalijiet ta' binja Rumana fi ħdan l-istess bażilika Biżantina, li tista' tindika t-tradizzjoni

tad-dar tad-dixxipli ta' Emmaws. Wieħed għadu jista' jara l-fdalijiet ta' dawn il-bażiliċi, flimkien ma' battisteru, xi iskrizzjonijiet bil-Grieg, u fdalijiet ta' palazz episkolali. Għadhom jidhru wkoll diversi fdalijiet ta' mużajċi Biżantini u xi oqbra antiki. Fis-sena 614 il-Persjani invadew il-Palestina u qerdu bosta knejjes, fosthom il-bażiliċi ta' Emmaws Nikópolis. Ir-rovina kompliet kibret wara l-okkupazzjoni Iżlamika tal-Palestina fis-sena 638. Meta ġew il-Kruċjati reġgħu bnew il-bażilika bi tliet absidi, imma fuq skala iżgħar minn dik Biżantina. Din il-bażilika malajr sfat meqruda, qabel il-waqgħa ta' Ġerusalemm f'idejn Saladin fl-1187. Wara l-era Kruċjata, dan is-sit baqa' abbandunat għal kollox u waqa' f'rovina, sakemm bdew fih l-iskavi fl-1880, l-aktar wara r-rivelazzjonijiet privati li kienet irċeviet il-Beata Miriam Baouardy, mistika Karmelitana Palestinjana li waqqfet il-monasteru tas-Sorijiet Karmelitani f'Betleħem, u li fl-1878, waqt li kienet għaddejja qrib Emmaws Nikópolis stqarret li dak kien il-post li fih Ġesù rxuxtat deher lid-dixxipli nhar Ħadd il-Għid. Is-sit ġie akkwistat fl-1930 mill-Kongregazzjoni ta' Betharram, u mill-1993 jinsab taħt il-kura tal-Komunità tal-Beatitudni.

## Abu Gosh

Ir-raħal ta' Abu Gosh jinsab xi 15-il kilometru fuq il-Punent ta' Ġerusalemm, fit-triq prinċipali li tnižžlek lejn Tel Aviv, f'għoli ta' 610 metri fuq il-livell tal-baħar. Fuq l-għolja li tiddomina r-raħal ta' Abu Gosh hemm is-sit bibliku ta' Qiryat Ye'arim, li hu marbut mat-trasport tal-arka tal-patt li kienet inqabdet mill-Filistin (1Sam 7,1) u mad-daħla tagħha f'Ġerusalemm fi żmien is-sultan David (2Sam 6,1-15). L-isem Abu Gosh hu dak ta' tribù li kien jokkupa dan ir-raħal strateġiku li jiddomina t-triq li minn Ġerusalemm tinżel lejn Ġaffa. Dan it-tribù kien jikkontrolla l-moviment ta' pellegrini matul din it-triq billi jitlob il-pedaġġ lill-pellegrini li jkunu telgħin Ġerusalemm.

Fir-raħal ta' Abu Gosh għad hemm wieqfa knisja ta' żmien il-Kruċjati li hi



*Emmaws Nikópolis - fdalijiet tal-Bażilika Biżantina*

waħda mill-aktar knejjes Kruċjati preservati tajjeb f'Iżrael. Hi kienet mibnija qrib is-sena 1142, imma fl-1187 Saladin qered din il-knisja. Il-Kruċjati kienu hawnhekk ukoll iqimu t-tifkira tal-laqgħa tal-Mulej Ġesù rxuxtat maż-żewġ dixxipli ta' Emmaws, kemm għaliex minn hawnhekk kienet tgħaddi triq Rumana importanti, kif ukoll għax hemm nixxiegħa ta' ilma ġieri. Fil-fatt, barra l-kripta tal-knisja Kruċjata, wieħed għadu jista' jara ġebla miljari li fiha mnaqqax l-isem tal-*Legio X Fretensis*, li hu l-isem tal-leġjun Ruman li kien assedja l-belt ta' Ġerusalemm wara l-ewwel rewwixta tal-Lhud (66-70), meta ġie meqrud it-Tempju. Il-knisja ta' Abu Gosh ġiet akkwistata mill-gvern Franċiż fl-1899 u llum hi fil-kura tal-monaċi Benedittini. L-arkeologu Edward Robinson, fl-1838, iddeskriva l-knisja bħala mibnija fi żmien il-Kruċjati, u bħala waħda fost l-aktar knejjes Kruċjati preservati tajjeb fil-Palestina. L-iskavi li saru fl-1944 ikkonfermaw li din il-knisja kienet inbniet mill-Kruċjati bħala tifkira ta' l-avveniment tal-manifestazzjoni ta' Ġesù rxuxtat lid-dixxipli ta' Emmaws.

## Motza

Motza hi belt Lhudija moderna li tinsab mibnija fuq ix-xifer ta' l-għoljiet ta' Qiryat Ye'arim, u hi l-aktar sit qrib Ġerusalemm li hu assoċjat mal-isem ta' Emmaws. Fil-fatt tinsab xi 6.5 kilometri fuq ix-xaqliba tal-Punent ta' Ġerusalemm. L-isem antik li kienu taw il-Krucjati lil dan ir-raħal kien Colonia, u dan wassal biex l-isem Għarbi tal-belt ikun Qaloniyeh. L-isem Latin kien Amassa, li jfakkarna fil-forma Griega Ammaous, li fil-fatt ma għandux x'jaqsam mal-isem Emmaws. Kienu l-Kruċjati li assoċjaw l-isem ma' Emmaws biblika. Is-sit ta' Motza (Mosa) biblika hu identifikat ma' Beit Mizzeh. Il-belt ta' Mosa tissemma fil-Ktieb ta' Ġożwè 18,26, bħala belt tat-tribù ta' Benjamin.

Ir-raħal ta' Motza jissemma


*Knisja Benedittina ta' Abu Gosh*

fit-Talmud (*Mesechta Succah* 45a) bħala l-post li fih kienu jkabbru l-*aravah*, jew il-frieghi tal-luq li kienu jinġiebu kuljum fil-festa ta' Sukkot (Għarejjex) biex jitqiegħdu maġenb l-altar.

F'dan is-sit ma hemm l-ebda tifkira Kristjana li ħarġet għad-dawl, u t-tradizzjoni tiegħu ġejja biss minn żmien il-Kruċjati.

## Għajnuna mit-testi evanġelici

Ir-rakkont tal-laqgħa tal-Mulej Ġesù rxuxtat maż-żewġ dixxipli ta' Emmaws nhar Ħadd il-Għid wara nofs in-nhar jagħtihulna San Luqa 24,13-35. Hemm ħjiel tiegħu ukoll f'San Mark 16,12-13: "Wara dan, wera ruħu taħt sura oħra lil tnejn minnhom huma u sejrin bil-mixi lejn ir-raba'. U huma reġgħu lura u taw l-aħbar lill-oħrajn, imma anqas lil dawn ma emmnuhom".

Dawn il-versetti f'San Mark jinsabu fis-silta 16,9-20 li mhijiex meqjusa bħala parti mill-verżjoni oriġinali ta' San Mark (tonqos fil-Kodici Sinaitiku u fil-Kodici Vatikan, tas-seklu IV). Imma t-test evanġeliku kif jinsab inserit illum bħala konklużjoni ta' San Mark imur lura għal tmiem l-I jew il-bidu tat-II seklu, u hu x'aktarx sintesi tad-dehriet tal-irxuxtat kif ġew mgħoddijin mill-komunità Kristjana tal-bidu. Għal din ir-raġuni għandhom valur u l-Knisja tqishom ispirati. San Mark jgħid li Ġesù rxuxtat deher lil tnejn mid-dixxipli (fi qbil ma' Luqa) huma u sejrin bil-mixi lejn ir-raba'. Il-vjaġġ bil-mixi wkoll jaqbel mar-rakkont ta' Luqa, filwaqt li tibqa' ġenerika l-espressjoni "lejn ir-raba'". Mark ma jagħti l-ebda indikazzjoni rigward il-post li fih kienu sejrin id-dixxipli. Dettall interessanti, iżda, li jgħinna fl-interpretazzjoni hu li r-raba' jindika kampanja għammiela. Issa l-belt ta' Ġerusalemm hi mibnija fuq l-għoljiet tal-Lhudija, li jimmarkaw firda bejn ix-xaqliba tal-Punent li hi fertili u tinżel lejn is-Sefela u l-pjanura ta' Saron, u x-xaqliba tal-Lvant, li hi magħmula mid-deżert tal-Lhudija, li jinżel lejn il-wied tal-Ġordan u l-Baħar il-Mejjet. Ix-xaqliba tat-Tramuntana, lejn Ramallah u s-Samarija, kif ukoll dik tan-Nofsinhar, lejn Betleħem u Ħebron, hi kollha muntanjuża u mhux tant għammiela. Dan ifisser li l-unika direzzjoni li setgħu jieħdu d-dixxipli lejn ir-raba' kienet dik lejn il-Punent. Issa s-siti kollha li huma marbutin ma' Emmaws tal-Evanġelju jinsabu fuq ix-xaqliba tal-Punent ta' Ġerusalemm.

Ir-rakkont ta' Luqa wkoll jagħti xi dettalji interessanti, barra l-isem Emmaws. Id-dixxipli kienu mexjin lejn dan ir-raħal "dak in-nhar stess", mela nhar Ħadd il-Għid. Huma jgħidu lil Ġesù li n-nisa "marru kmieni ħdejn il-qabar". Dan ifisser li huma kienu għadhom Ġerusalemm meta n-nisa skoprew il-qabar vojt nhar Ħadd il-Għid filgħodu. Issa San Ġwann 20,1 jgħid: "Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu kmieni kif kien għadu d-dlam" meta Marija ta' Magdala ġiet ħdejn il-qabar. Dan ifisser li malli sebaħ id-dixxipli kienu diġà jafu bil-fatt tal-qabar vojt. Fil-bidu tar-

rebbiegħa fl-Art Imqaddsa jkun diġà sebaħ fil-5 ta' filgħodu. Dan kollu jurina li d-dixxipli kellhom ħin biżżejjed biex imorru lejn Emmaws qabel nofsinhar, u jirritornaw sa filgħaxija lejn Ġerusalemm.

Issa, jekk dan il-pellegrin mhux magħruf, li kien Ġesù, "għamel tabirruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod" (Lq 24,28) u d-dixxipli qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm" (Lq 24,29), u jekk, wara li Ġesù wera lilu nnifsu lilhom fil-qsim tal-ħobż, "dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm" (Lq 24,33), nistgħu nippruvaw noħolqu xi ipotesi dwar fejn seta' kien ir-raħal ta' Emmaws.

Jekk Ġesù kien sejjer aktar 'il bogħod fid-direzzjoni tal-Punent, dan ifisser li kien għad fadallu triq twila x'jagħmel. Issa dan jinftiehem jekk Ġesù kien għadu fuq l-għoljiet tal-Lhudija f'Emmaws Qubeibeh, u ried jinżel lejn il-pjanura, imma mhux jekk hu kien diġà jinsab f'Emmaws Nikópolis, li minnha hu seta' biss imur lejn il-kosta, lejn Ġaffa, li hi bogħod xi 20 kilometru. Għalkemm hu possibbli li d-distanza ta' 32.5 kilometri bejn Ġerusalemm u Emmaws Nikópolis wieħed jagħmilha f'ġurnata waħda, hu difficili ferm nimmaġinaw kif id-dixxipli setgħu jirduppjaw id-distanza f'65 kilometru meta reġgħu lura Ġerusalemm filgħaxija, preżumibilment qabel ma dalam, ukoll jekk huma ma tilfux ħin, imma telqu lura mill-ewwel.

Jekk imbagħad inqisu d-distanzi bejn Ġerusalemm, Motza u Abu Gosh, dawn mhumiex ċertament distanzi twal u hu possibbli wieħed imur u jirritorna f'ġurnata, imma t-tradizzjoni marbuta ma' dawn il-postijiet tmur lura għal żmien il-Kruċjati u mhux qabel.

Dan iħallina bl-unika possibilità li r-raħal li fih kienu sejrin Kleofa u Xmun kien Emmaws Qubeibeh. Ċertament tibqa' l-problema li l-fdalijiet Biżantini ta' Emmaws Nikópolis huma prova ta' l-antikità tas-sit, filwaqt li Emmaws Qubeibeh fih l-aktar fdalijiet Kruċjati. Imma ma ninsewx li Bellarmino Bagatti u sħabu l-Franġiskani sabu fdalijiet ta' triq Rumana li tgħaddi minn Emmaws Qubeibeh, u li l-fdalijiet li hemm fil-knisja, jekk mhumiex ta' l-ewwel seklu, huma Biżantini. Is-santwarju Franġiskan ta' Emmaws Qubeibeh hu forsi l-aktar post li jista' jidentifika ruħu mar-raħal ta' Emmaws skont ir-rakkonti evanġelici, u b'raġunament loġiku ta' kemm jiflaħ jimxi bniedem f'jum wieħed.



*Sit arkejoloġiku ta' Emmaws Nikópolis*



# IKONI TA’ MAĦFRA U FEJQAN FL-EVANĠELJI (2)

*Dun Pawl Sciberras*

## Il-Parabbola tal-Iben il-Ħali - Lq 15,1-3.11-32

*Kulma hu tiegħek huwa tiegħi*

### Premessa

Il-kelma “parabbola” ġejja mill-Grieg parabolē, li tfisser “paragun”, “konfront”. Il-parabboli huma stejjer pjuttost qosra, aktarx meħudin mill-ħajja ta’ kuljum, maħsuba biex iqajmu f’min jisma’ l-istorja sħiħa mistoqsijiet dwar il-ħajja u l-mod kif qiegħed iġib ruħu. Id-dettalji

fil-parabboli huma maħsuba biss biex jagħmlu parti mill-istorja sħiħa, mhux biex jiġu interpretati wieħed wieħed, għax parabbola mhix allegorija. Parabbola aktarx tispiċċa bi tmiem kurjuż jew li jwassal messaġġ li hu l-kontra ta' dak li hu normalment mistenni jew aċċettat.

Il-versi 1-3 tal-kapitlu 15 fl-Evanġelju ta' Luqa jagħtuna l-għan li għalih se tingħad il-parabbola: Ġesù jiekol u jagħmilha mal-pubblikani u l-midinbin, għax huma jilqgħu kliemu u jaċċettawh f'ħajjithom. L-oħrajn jidhrilhom li jafu aħjar u li Alla, permezz ta' Ġesù, ma jmissux jagħmel kif jagħmel. Il-kelma nnifisha "Fariżej" tfisser "maqtugħin"! Ġesù huwa kontra l-esklużjoni ta' xi ħadd minn ħajtu; saħansitra l-midinbin għandhom sehem sħiħ minn ħajtu.

Il-vers 12 – *Iż-żgħir qal lil missieru: Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid:* Iż-żgħir kien qiegħed jgħid żewġ affarijiet: 1) Ordni (il-verb "agħtini" huwa imperattiv) lil missieru, mhux xewqa: ma rridx nibqa' ibnek, għax irrid insir werriet. Nafu li werriet isir werriet mal-mewt ta' min se jiret! Iż-Żgħir kien qiegħed jgħid lil missieru: "Ma rridx nibqa' ibnek", għax ma jeżistix iben mingħajr missier, u lil missieru riedu mejjet, għax ried il-wirt tiegħu. 2) "Jien irrid nieħu fuqi dak li lanqas għandi dritt għalih", għax l-iben il-kbir kien jieħu żewġ terzi tal-ġid u li jibqa' kien jinqasam bejn l-ulied l-oħra.

Kontra dak li ried Ġesù, iż-Żgħir ried jaqta' lilu nnifsu minn missieru. Iż-Żgħir huwa simbolu tal-awtoesklużjoni u tal-arroganza.



Il-Missier *qassmilhom il-ġid*, bla diskussjoni ta' xejn jew attentati ta' persważjoni għall-maqlub.

Il-vers 13 jiġbor fih perjodu ta' ġranet jekk mhux ukoll ġimgħat, li fihom l-iben iż-Żgħir għamel it-tħejjijiet biex juża dak li wiret mingħand missieru kif ried u xtaq hu – *Ma kinux għaddew wisq ġranet ... sarr kollox ... telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed.* Huwa vers li jesprimi l-ħerqa taż-Żgħir li jinqata' u jitbiegħed malajr u għal kollox mill-għajn li lilu jagħmlu iben, minn missieru.

Il-versi 13-16 tal-parabbola jagħtuna enfasi qawwija fuq "kollox" u "kull". Imma nafu li anke jekk ikollok kemm ikollok (saħansitra terz tal-ġid kollu), il-fatt li nqtajt mill-għajn ta' dak li jagħmlek iben, ma jibqagħlek xejn f'idejk, għax tkun għażilt li ma tridx l-istess eżistenza tiegħek. Iż-Żgħir, la ma riedx jibqa' iben imma jsir biss werriet, kien qiegħed jagħżel it-tmiem tiegħu nnifsu.

Imbagħad isseħħ is-sitwazzjoni li ried jidħol fiha ż-Żgħir b'idejh stess. Il-versi 17-19 – is-sitwazzjoni li qiegħed lilu nnifsu fiha ż-Żgħir ċappsitlu r-realtà li kien ġie fiha: "Jien ma għadnix iben, spiċċajt!" u allura nsibu enfasi fuq il-kliem "Missier", "iben" u "lavranti". L-ewwel tnejn ifissru x'suppost kienet ir-relazzjoni bejnu u bejn missieru; it-tielet kelma hija s-sitwazzjoni li għażel li jidħol fiha. V.19 huwa l-qofol ta' x'irrejalizza l-iben iż-Żgħir: "Qtajt lili nnifsi minn dak li lili jagħmilni iben, imma għax naf xi tlift, nixtieq almenu nibqa' nieħu ftit tal-ħajja minn dak li hu tant tajjeb li mingħajru ma nistax ngħaddi, mingħajru nkun "mejjet" (v.24 tmiem l-ewwel parti u v.32 tmiem it-tieni parti tal-parabbola)!

Fil-vers 20 insibu kuntrast enormi bejn il-v.12b u issa: donnu l-missier meta qassmilhom il-ġid b'tant diżinvoltura kien diġà jaf li ibnu se jerġa' lura għax ma setax jeżisti jekk ma' jkunx miegħu. Nistgħu ngħidu li l-vers 20 jiddeskrivi x'inhu missier (u allura x'kien tilef l-iben): i) jara mill-bogħod (soluzzjoni għal kif jista' jkun li l-missier qassam ġidu liż-żewġ uliedu bla ma qal kelma waħda), għax hu missier anke qabel ma twilidlu ibnu; ii) dak li jagħmel il-missier hu kollu intenzjonat lejn l-iben: b'dak li jagħmel joħloq 'l ibnu; allura joħroġ hu u mhux jistenna sakemm jasal ibnu; iii) jaf biss iħobb (il-Grieg għal "u biesu" tfisser ukoll 'ħabbu b'imħabba kbira').

U tkompli l-parabbola: il-versi 21-22 – Dak li l-missier ma ħalliex lil ibnu jgħid *ma jistħoqqlix aktar nissejjaħ* (jiġifieri 'inkun') *ibnek* u mbagħad, dak li ordna lil-lavranti jagħmlu, jaqleb rashu 'l isfel dak li ried għall-inqas ikun l-iben. Il-missier jaf li jekk ibnu ma jkunx ibnu, hu ma jibqax missier. Hemm l-eżistenza tat-tnejn fin-nofs.

Il-missier jordna malajr lill-qaddejja jagħmlu ċerti ġesti u azzjonijiet konkreti: i) *isaw* – daqs l-għaġla li wera t-tifel biex jitlaq! imma "isaw" ukoll għax jekk dan ma jkunx ibni, jien ma nkunx aktar missier! ii)

*Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu* – il-lavranti jservu lill-iben; il-libsa mogħtija mill-missier lil ibnu turi l-għożża li għandu lejh – lil-lavranti ma jagħtihomx libsa imma biss il-ħobż biex jgħixu ħalli jkomplu jaqduh! iii) *Libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu* – servuh billi tlibbsulu (u turu li intom taħtu u qaddejja tiegħu) s-sinjal ta' l-awtorità li għandu fuqkom stess. iv) *Libbsulu s-sandli f'riġlejh* – servu lilu fil-fatt li turu li hu ferm 'il fuq minnkom għax intom bħala lavranti ma tilbsux qorq. Kollox immirat biex il-missier juri d-differenza bejn l-iben tiegħu u l-lavranti.

Imbagħad jagħti r-raġuni għaliex għamel u ordna dak li ordna: il-v.24 – *Għax dan ibni kien mejjet u reġa' qam; kien mitluf u nstab!* "Għax" dak kollu li għamilt maħsub għal dak li se ngħid issa. U issa qed ngħid li hu ma jistax jeżisti ("mejjet") mingħajr ma jkun iben u jien ma nistax neżisti mingħajr ma nkun missieru.

Nistgħu nieqfu hawn? Il-parabbola twassal il-messaġġ jekk inħallu barra t-tieni parti? Ma ninsewx l-għan għaliex intqalet il-parabbola: il-versi 1-3.

Il-vers 25 – l-ordni li fih qegħdin il-kelmiet li jagħmlu dan il-vers juru li l-Evanġelista Luqa jrid jerġa' jagħti enfasi u importanza lill-messaġġ tar-relazzjoni bejn il-missier u l-ulied, din id-darba ma' ibnu l-Kbir: kelma b'kelma, it-test Grieg ta' dan il-vers jgħid: "kien issa t-tifel tiegħu l-kbir fl-għalqa." Fil-vers 27 l-awtur tal-parabbola jiddeskrivi x'qal il-qaddej li ġie msejjaħ mill-iben il-Kbir meta sema' d-daqq u ż-żfin: Missierek "tah l-aqwa trattament għax reġa' kisbu qawwi u sħiħ" – missierek reġa' sar sħiħ għax ħuk (dak li miegħek jagħmel lil missierek missier ta' żewġ ulied u allura jeżisti) reġa' qawwi u sħiħ ukoll. Intom tridu tkunu t-tlieta flimkien biex teżistu: missierkom bħala missier sħiħ u intom bħala wlied sħaħ. Imma din, il-Kbir ma fehemhiex: kien jaħseb li hu jista' jkun iben b'dak li *jagħmel* ma' u għal missieru, u mhux b'dak biss li *hu*, iben il-Kbir. U ried jeskludi lilu nnifsu wkoll għax ma riedx jidħol minn fejn missieru kien ħareġ biex jerġa' jilqa' liż-Żgħir ħalli hu wkoll jerġa' jkun missier sħiħ.

U l-istorja tkompli billi tgħidilna mill-ġdid azzjoni oħra tal-Missier: il-vers 28 – *iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol* - U l-missier ma setax jaffordja li ma jkunx missier sħiħ anke b'dan l-iben il-Kbir, li ried ikun iben billi *jagħmel* ħafna affarijiet għal missieru, imma mhux *ikun* iben tassew. Fuq hekk kienet tiddependi l-eżistenza tat-tnejn.

Il-vers 29 jesprimi dak li kien jaħseb l-iben il-Kbir kif għandu jkun iben veru: billi jagħmel ħafna affarijiet għal missieru. *"Ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi!"* Il-Kbir kien jaħseb li biex ikun iben veru kellu jagħmel ħafna affarijiet għal missieru. Qisu li missieru kien se jkun veru missier skont dak li jagħmel għalih ibnu. Imma

missieru kien missieru għax lilu tah il-ħajja u mhux minn dak li kien jagħmel għalih. Il-vers 30 jagħtina t-tweġiba tal-Missier lil ibnu l-Kbir: 'Lili tagħmilni dak li jien billi inti *tkun* dak li int': iben li tifraħ miegħi li erġajt sirt missier sħiħ, u mhux biss tifraħ ma' ħbiebek għax għamilt xi ħaġa għalija. Inti *kun* ibni u lili tagħmilni missier. Jekk il-Kbir donnu ħa għalih għax liż-Żgħir il-Missier stmah ta' iben meta reġa' ġie lura, il-Missier ma kien qiegħed jagħmel xejn ħlief iġib ruħu ta' veru missier.

It-tweġiba tal-Missier fil-vers 31 hija l-qofol tal-messaġġ kollu. Tibda bil-kelma "Ibni" – hemm qiegħed kollox: li jien inkun missier tiegħek u ta' ħuk, inkella qed titlobni ma nkunx missier sħiħ. *"Inti dejjem miegħi u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek"* – inti tagħmilni missier sakemm tkun miegħi. Jekk int ibni (u allura tkun dejjem miegħi) għax tajtek dak li hu tiegħi, li nkun missierek. San Luqa, fil-parabbola tiegħu juża' frażi ma' ibnu l-Kbir li hi tant qawwija: "Ibni ... inti dejjem miegħi, *u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek*" (v.31). Fl-Evanġelju ta' San Ġwann insibu frażi li tixbah ħafna lil din: *"u dak kollu li hu tiegħi, huwa tiegħek, u dak li hu tiegħek huwa tiegħi"* (Ġwanni 17,10). Fit-talba għad-dixxipli tiegħu fl-Aħħar Ċena Ġesu`



jintelaq kompletament f'idejn Missieru, u din it-telqa tagħmlu ħaġa waħda mal-Missier. Din kienet ix-xewqa wkoll tal-Missier tal-parabbola ta' Luqa: li l-Kbir ikun f'kollox ħaġa waħda miegħu, ukoll li jara *f'dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja* (v.30) lil ħuh rikonċiljat ma' missieru, u għalhekk miegħu wkoll. U liż-Żgħir reġa' raddlu lura dak li kien tilef bin-nuqqas ta' għaqal tiegħu biex hu wkoll isir iben ħaġa waħda miegħu, missier li jaf biss iħobb.

Din hi wkoll ix-xewqa tal-Missier għalina lkoll: li nkunu tassew uliedu u ħaġa waħda miegħu, b'dinjità sħiħa ta' wlied. Ħaġa waħda miegħu anke li "naċċettaw lin-nies midinba u nieklu magħhom" bħalma jagħmel hu ..... Fil-fatt jekk inkunu tassew miegħu, inħarsu lejn dawk ħutna bħalma jħares hu lejhom .... u ma nħarsux iktar lejhom bħala "midinbin" .... ma jkollna qatt iktar fina l-attitudni ta' *aħna* u *huma*, jew kif ngħidu bl-Ingliż: *attitudni ta' holier than thou.*

Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab. (v.32)

Kien jeħtieġ li niċċelebraw dak li aħna, missier u żewġ ulied, għax jekk nerġgħu nkunu t-tlieta flimkien nibqgħu nezistu.

Id-dettall ta' v.11: Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied, hu importanti ħafna għall-messaġġ. Kieku l-parabbola kienet maħsuba biex twassal biss il-messaġġ tal-indiema taż-żgħir u l-imħabba tal-missier minkejja l-offiża, kien ikun biżżejjed kieku kellu liż-żgħir biss u dan offendieh u mbagħad reġa' lura u ħafirlu! Imma hu kellu żewġ ulied, u ma kienx ikun sħiħ kieku ma reġgħux lura t-tnejn għandu bħala wliedu u mhux bħala qaddejja jew lavranti.





# L-ATTENZJONI TA' ĠESÙ LEJN IN-NISA F'LUQA (1)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

Il-preżenza tan-nisa flimkien mal-missjoni mogħtija lilhom ma qiegħda fl-ebda Evanġelju ieħor daqs kemm f'dak ta' Luqa. It-tielet evanġelista sema' b'dan kollu, u għalhekk ra u kkonkluda li mhix ħaġa każwali li Ġesù ġab ruħu b'dik il-manjiera magħhom. Għalkemm jorbot il-preżenza tagħhom mal-vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġuslemm, dawn in-nisa kellhom rwol tassew għoli u importanti fl-iżvilupp tar-rakkonti ta' Ġesù. Anzi Luqa jgħolli tassew 'il fuq

il-preżenza tan-nisa tant li jqegħedhom flimkien mat-Tnax. "Kellu miegħu t-Tnax, u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti ħżiena u mill-mard" (Lq 8,2).

## Immsieħba ma' Ġesù

Dawn in-nisa akkumpajnaw lil Ġesù mill-Galilija sal-Belt ta' Ġerusalemm kif ukoll sa taħt is-salib; hekk ħadu sehem f'kollox. (23,49). Kienu tassew xhieda ta' dak li għamel Ġesù, kif ukoll kienu minn tal-ewwel li raw il-qabar miftuħ u ntebħu li l-Imsallab qam (24,1-6). Billi dawn in-nisa kienu preżenti xhieda kemm tal-kruċifissjoni, tal-mewt kif ukoll akkumpanjaw il-ġisem mejjet ta' Ġesù sal-qabar, issa stagħġbu mhux ftit meta raw li dan "il-mejjet" irxoxta. Qiegħed hawn il-kliem qawwi tal-anġlu: "L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj?" (Lq 24,5).

Dan il-mod ta' rakkont li jitbiegħed xi ftit minn dak ta' Marku (16,1-8), u minn dak ta' Mattew (28,1-8), jiġbor fih wieħed ta' tagħlim dejjem kif jippreżentah Luqa. L-evanġelista ma joħroġx biss għad-dawl li dawn in-nisa diġà kienu jsegwu lil Ġesù meta dan kien għadu l-Galilija,(23,49). Imma wkoll għaliex meta Ġesù kien għadu jeżerċita l-missjoni tiegħu l-Galilija, huwa diġà kien ħabbrilhom il-mewt u l-qawmien tiegħu: "Mhuwiex hawn, imma qam. Ftakru x'kien qalilkom meta kien għadu fil-Ġalilija, meta qal li jeħtieġ li Bin il-bniedem jingħata f'idejn il-midinbin, ikun imsallab, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet" (24,6-8).



Għalhekk minn dak il-waqt tal-qawmien u li dan l-inkarigu ġie mogħti lin-nisa biex dawn iwassluh lill-ħdax, dan ifisser li n-nisa servew ta' ħolqa bejn ġrajjiet Ġesu u l-appostli. (Lq 24,9). Huwa kollu għalhekk li hawn issa jissemmew espressament l-ismijiet tagħhom; Marija ta' Magdala, Ġwanna, Marija *dik ta' Ġakbu*, flimkien mal-isem ta' nisa oħrajn. Xejn ma għandu għalhekk għalfejn jgħaġġibna, li fl-Atti 1,13, wara l-ismijiet ta' l-appostli wieħed isib ukoll imsemmijin dawn in-nisa (1,14). Għal Luqa n-nisa għandhom tifsira storika u kerigmatika, li tinteressa lil Knisja kollha. Ir-raġuni għaliex hija billi dawn huma marbutin mal-istorja ta' Ġesù u tal-Knisja li kienet għada fl-ewwel waqtiet tal-eżistenza tagħha. Dawn in-nisa ġew imdaħħlin fil-Knisja billi ħadu fuq spallejhom missjoni importanti u delikata.

## In-nisa fit-tradizzjoni ta' Luqa

Fl-ewwel post sewwa li wieħed jitkellem mis-sehem tan-nisa fi żmien it-tfulija ta' Ġesù. Hawn għalhekk niltaqgħu ma' Marija, l-omm ta' Ġesù, flimkien ma qaribtha, x-xwejħa Eliżabetta. Matul iż-żjara li għamlet Marija lil din ix-xwejħa mara minn Għajn Karim, ħareġ ċar ħafna għad-dawl il-missjoni li ġiet fdat lilhom it-tnejn





fl-Istorja tas-Salvazzjoni (Lq 1,39-56). Bi kliem profetiku Eliżabetta bexxqet fommha u għajtet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!" (1,42). Kollox juri sew kemm l-opra tal-Inkarnazzjoni diġà kienet ġiet irrivelata mill-Ispirtu s-Santu lix-xwejħa omm Eliżabetta: "U Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet".

Luqa jitkellem ukoll mill-profetessa Anna, li b'mod parallel ma' dak ta' Eliżabetta u magħhom issa hemm ix-xwejjaħ Xmun, ħabbru l-fidwa ta' Iżrael issa qiegħda fil-qrib tassew. Eliżabetta u Anna ppreparaw il-miġja tal-Feddej. Imma l-figura u r-rwol ta' Marija huwa kollu kemm hu uniku, mingħajr impar tiegħu. Hija Marija, il-mimlija bil-grazzja, li saret omm bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu; li tlissen dik il-kelma providenzjali tal-*fiat* (1,26-38), u li Eliżabetta selmitilha bħala omm il-messija. Marija f'dak l-istess waqt għanniet il-Manifikat, innu ta' tifħir lejn it-toroq tal-Mulej (1,46-55). Wara t-twelid ta' Ġesù, imbagħad din l-istess Marija żammet f'qalbha dak kollu li kien ġara u seħħ qrib il-maxtura (Lq 2,19), kif ukoll ma' dak kollu li ġarrbet waqt il-vista tagħha fit-tempju ta' Ġerusalemm meta binha Ġesù kellu biss tnax-il sena (2,51). Dan kollu jagħżel lil Marija bil-bosta minn fost il-

figuri nisa l-oħra kollha li hemm imsemmija fil-Vanġelu.

Mhux possibbli li wieħed jivvalurizza l-pożizzjoni għolja li għandha Marija fl-istorja tat-tfulija ta' binha, il-privileġġi kbar għall-fatt li kienet omm il-messija. Din il-firxa hekk wiesgħa, tisboq bil-bosta s-suġġett "Ġesù u n-nisa", imma hija fl-istess waqt xhieda tal-konsiderazzjoni għolja ta' Luqa kemm lejn Marija kif ukoll f'relazzjoni man-nisa l-oħrajn. Għalhekk fil-waqt li wieħed ikun qed jagħmel xi osservazzjonijiet dwar in-nisa fil-vanġelu ta' Luqa, dejjem irid iżomm f'moħħu li l-mara Marija hija kollha kemm hi partikulari u differenti min-nisa l-oħra kienu min kienu.

## Ħarsa globali

Il-patrimonju proprju ta' Luqa huwa magħmul minn dawn il-ġrajjiet partikulari:

a) L-armla ta' Serafte (4,25 ss).

b) L-armla ta' Najm (7,11-17).

c) Il-mara midinba li dilket riġlejn Ġesù (7,36-50).

d) In-nisa li mxew wara Ġesù (Lq 8,1-3).

e) Marta u Marija (10,38-42)

f) Il-beatitudni li qalet waħda mara għall-poplu (11,27s)

g) Il-fejqan f'jum is-Sibt ta' mara milwija (13,10-17)

h) Il-parabbola tad-drakma mitlufa (15,8-10).

i) Il-parabbola tal-imħallef ħażin u l-armla (18,1-5).

j) In-nisa li jibku fi triq il-Kalvarju (23,27-31).

Ta' min idaħħal ukoll xeni oħra li ġejjin mit-tradizzjoni ta' qabel Luqa u li fihom riferimenti għan-nisa

a) il-fejqan ta' omm il-mara ta' Pietru (Lq 4,38ss; ara Mk 1,30, Mt 8,14s).

b) Il-fejqan ta' dik bit-tnixxija tad-demm u l-qawmien ta' bint Ġajru (Lq 8,40-56; Mk 5,21-43).

c) Ir-reġina ta' nofsinhar (Lq 11,31; Mt 12,42).

d) Il-parabbola tal-ħmira (Lq 13,20 ss, Mt 13,33).

## Riflessjonijiet partikolari

Waqt il-predikazzjoni tiegħu f'Nażaret, Ġesù jitkellem kemm mill-armla ta' Serafte (4,25s) kif ukoll mill-fejqan tal-imġiddem Nagħman tas-Sirja. Dan huwa eżempju ċar ta' kif Alla dejjem mexa l-istess ma' kulħadd anke ma' nies li ma kenux meqjusin mill-familja tal-Lhud, mela pagani *gojim*. Din il-ħaġa kienet tassew oġġett ta' provokazzjoni għal dawk is-semmiegħa li assolutament ma riedux jisimgħu il-messaġġ evanġeliku ta' Ġesù u għamlulu dak kollu li kien possibli biex ifixkluh.

Hemm imbagħad wkoll id-dħul ta' koppja, jiġifieri raġel u mara, ħaġa li xejn ma kienet issir ta' spiss. Hemm mela fil-parabbola tal-ħabba tas-senapa, u tal-ħmira, fil-parabbola tan-nagħġa l-maħruba u tad-drakma mitlufa, kif ukoll in-nies

ta' Ninwe tant mixteqin biex ibiddlu ħajjithom meta semgħu bil-mawra tas-sultana ta' nofsinhar biex tisma' l-għerf ta' Salamun. Din ir-reġina li ġiet minn tant bogħod biex tisma' l-għerf ta' Salamun, interessat ħafna lill-evanġelista għaliex kienu qegħdin jitkellmu mill-għerf, don li jikkaratterizza ħafna l-immaġni ta' Ġesù (Lq 2,40. 52; 7,35; 11,49; 21,15).

Hemm il-ġrajja tal-armla ta' Najm, li Ġesù wera magħha tant kompassjoni u ħniena. Din tiġi mxebbhha ma' storja ta' fejqan, u li fiha Ġesù jiġi ppreżentat bħala t-tabib u dak li jgħin lil min hu fil-bżonn. Hemm ukoll il-fejqan ta' mara milwija ħafna, mara li kien ilha tmintax-il sena sħaħ maħkuma mill-qawwa tax-xitan. - mhix ċajta - . Ġesù ħadha taħt il-ħarsien tiegħu, li jfisser fejjaqha u dan għaliex hija wkoll "bint Abraham" (Lq 13,10-17).





Il-qawmien mill-mewt, f'dan il-każ ta' iben l-armla ta' Najm, flimkien mal-fejqan f'jum is-Sibt dawn qiegħdu lil Ġesù bħala wieħed mill-profeti kbar, tant li kkonkludew hekk in-nies: "Profeta kbir qam fostna" u "Alla żar il-poplu tiegħu" ( Lq 7,16). Il-fatt, li dawn il-mirakli saru dejjem f'relazzjoni ma' xi mara, juri l-imħabba ta' Ġesù lejn dawn in-nisa partikulari, nisa magħkusin u mwarrbin ħafna mis-soċjetà; nisa fqar u msieken!

Din il-linja ta' ħsieb tkompli toħroġ fil-beraħ fir-rakkont tal-mara midinba (7,36-50), kif ukoll mal-mixja tan-nisa li segwew il Ġesù matul ħajtu. Fl-istorja tal-mara midinba, li xerrdet żejt l-aktar ifuħ fuq riġlejn Ġesù, wieħed jara l-ħniena kbira ta' Ġesù lejn din il-mara li soċjalment kienet imwarrba mis-soċjetà. Issa wisq agħar mid-dwejjaq, mill-mard, u mill-mewt, kien hemm l-istat spiritwali ta' mara li kienet disprezzata bil-wisq aktar mill-istess ambjent ta' madwarha. Ġesù ra sew, li mara ta' din il-kwalità tista' terġa' tirxoxta mill-ġdid għal ħajja oħra ġdida. Kien għalhekk li Ġesù ddefendieha bil-kbir mal-fariżew li stiednu, u bi kliem meqjus, Ġesù wera d-differenza li kien hemm bejn din il-mara midinba u l-istess fariżew li stiednu għall-ikla. Ġesù ħafrilha ħafna għaliex hija ħabbet ħafna. Dak li Ġesù stenna bi dritt mill-fariżew u ma ngħatalux, wasal minn dik il-mara midinba magħrufa!

Din il-midinba, bl-azzjoni li għamlet, xeħtet raġġ ta' dawl fuq is-sitwazzjoni tan-nisa fil-ġudaiżmu ta' dak iż-żmien, kif ukoll fil-liberazzjoni sħiħa li Ġesù ġab mal-miġja tiegħu. Ġesù jinqata' u jinfired kompletament mill-mod ta' kif wieħed jiġġudika bejn raġel u mara, u jara biss li quddiemu għandu esseri uman, bniedem, xbieha ta' Alla. Kienet biss l-imħabba safja li wasslet dik il-mara għand Ġesù li dnubietha nħafrulha kollha, u xejn anqas li Ġesù faħħarha b'mod pubbliku għall-ġest sinċier u ġenwin li għamlet.



# IL-VIA DOLOROSA (2)

*P Twanny Chircop ofm*

## Il-Via Crucis f'Ġerusalemm

Il-Franġiskani bdew jagħmlu l-Via Crucis f'forma pubblika fl-1880. Minn dak iż-żmien sal-lum din issir kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar, bl-eċċezzjoni tal-aħħar Ġimgħa tar-Ramadan, u dan minħabba l-folla kbira ta' Musulmani li jmorru fil-moskej. Meta

tkun ix-xita u jkun hemm preżenza kbira ta' pellegrini issir ġewwa, fil-knisja ta' San Salvatur. Wieħed jista' jagħmel il-Via Crucis taħt forma privata; dan l-aħjar li jsir kmieni filgħodu.

Fis-sena 1332 il-Franġiskani stabilixxew ruħhom ġo Ġerusalemm u waqqfu mixja ġo dil-belt b'forma ġdida għall-pellegrini. Kuljum kienu jagħmlu mixja msejħa *santo circolo* jew *le cerchie*. Mill-għolja ta' Sijon, fejn kienu joqogħdu, kienu jitilqu mal-pellegrini u kjeriċi li kienu alloġġati għandhom, jgħaddu fl-Ospizju ta' San Ġwann Battista, fejn kien ikun hemm pellegrini oħra u minn quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fejn kienu jibdew il-mixja. Din il-mixja kienet imsejsa fuq dak li kiteb W. Wey (ELS p.599 n.1; TGG 96). Kienet kitba bil-Latin u tfakkar l-istazzjonijiet, erbatax b'kollox. Il-kitba kienet tgħid:

***Lap strat di trivium flent sudar sincopizavit***

***Por pis lap que schola domus her Symonis Pharisey.***

## Kull kelma tikkorrispondi għall-post partikulari:

| | |
|---|---|
| 1 Lap | Lapis: il-ġebla bis-saleb fuqha fejn Kristu waqa' bis-salib. |
| 2 Strat | Strata: It-triq li mexa l-Mulej waqt il-passjoni. |
| 3 Di | Divitis: Id-dar tal-għani li ma jagħtix il-loqom lil Lazzru. |
| 4 Trivium | Trivium: (il trivio) il-post fejn Kristu waqa' bis-salib. |
| 5 Flent | Flent: il-post fejn in-nisa bkew lil Ġesù. |
| 6 Sudar | Sudarium: il-post fejn il-Veronika xxuttat wiċċ Ġesù. |
| 7 Sincopizavit | Sincopizavit: il-post fejn il-Verġni Marija ltaqat ma' Ġesù. |
| 8 Por | Porta: il-bieb minn fejn għadda Ġesù fil-passjoni. |
| 9 Pis | Piscina: il-menqa fejn il-morda kienu jfiqu fi żmien Kristu. |
| 10 Lap | Lapides: il-ġebla li fuqha qagħad Kristu waqt il-kundanna tiegħu. |
| 11 Schola | Scholas: il-post fejn l-Imqaddsa Marija għamlet il-preżentazzjoni. |
| 12 Domus | Domus: Id-dar ta' Pilatu. |
| 13 Her | Herodias: Id-dar ta' Erodi. |

14 Symonis Pharisey: id-dar ta' Xmun il-Fariżew.

Għandna indikazzjoni ta' dawn il-postijiet mid-disinji ta' Zullardo (1585) kif ukoll mill-itinerarju ta' Horn.

Is-sitwazzjoni tinbidel fis-seklu 19, meta ġewwa Ġerusalemm tibda t-talba tat-Triq tas-Salib f'forma pubblika. Il-ħakma Torka tippermetti lill-Insara li jagħmlu din il-mixja tas-salib b'mod pubbliku. Minħabba ir-relazzjonijiet bejn Franza u pajjizi oħra tal-Ewropa, Kostantinopli tagħti l-permess li jsiru l-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm u t-Triq tas-Salib. Sal-lum dan isir kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar; b'eċċezzjoni fl-aħħar żewġ ġimgħat tar-Ramadan minħabba l-folla li tidħol fil-moskej ta' fuq l-ispjanata tat-tempju u meta tkun ix-xita; fil-każ tal-aħħar il-purċissjoni ssir fil-knisja ta' San Salvatur. Fortunatament huma ftit id-drabi li t-Triq tas-Salib ma ssirx. Iżda ħadd ma jista' jwaqqaf il-pellegrini jekk jagħmlu dan b'mod privat. L-aħjar huwa filgħodu kmieni meta l-ħwienet ikunu għadhom magħluqa u jkun hemm inqas konfużjoni.

Il-biċċa triq mill-Pretorju sal-Karvarju tiġbor it-tmiem tal-vjaġġ li Ġesù għamel fuq l-art. F'din il-mixja l-Insara jieqfu fuq stazzjonijiet li jfakkru l-ġrajjiet tat-Triq tas-Salib tas-salvatur tagħna. Mill-erbatax-il stazzjoni 5 huma frott it-tradizzjoni:



Il-Kapella tal-Flaġellazzjoni

it-tliet waqgħat ta' Ġesù (III, VII, IX), il-laqgħa tal-Iben ma' ommu (IV) u il-ġest tal-Veronika (VI).

## I Stazzjon: Ġesù kundannat għall-mewt

Skont il-vanġeli kanoniċi, għall-kundanna tal-mewt ta' Ġesu' ikkontribwew l-awtoritajiet Lhud u l-prefett (prokuratur) Ruman Ponzju Pilatu. Fiż-żmien li l-Palestina kienet maħkuma mir-Rumani, kien imneħħi lil-Lhud id-dritt li jagħtu l-piena tal-mewt (Gw 18, 31). Minħabba f'hekk il-kapijiet tal-Lhud qabdu lil Ġesù u wara l-proċess li sar billejl, skont Lq 22, 66-71 dan il-proċess sar filgħodu kmieni, ikkundannawh għall-mewt (Mk 14, 53-65; Mt 26, 57-68; Ġw 18, 12-14.19-24). Wara li rabtuh bil-ktajjen tawh f'idejn il-gvernatur Ruman Pilatu (Mt 27, 2). Is-soltu, fl-okkażjoni tal-festi l-kbar, il-gvernatur kien jitla' Ġerusalemm, minn Cesarea Marittima, u joqgħod fil-pretorju, jiġifieri fil-każerma militari (Ġw 18, 28). Il-kapijiet tal-Lhud talbu lil Pilatu biex jikkundanna lil Ġesù għall-mewt bħala midgħi, ribelli u għadu ta' Ruma. Il-bitħa tal-pretorju fejn kien jiltaqa' t-tribunal tal-funzjonarju Ruman, bil-Grieg jissejjah *Lithostrotos* (paviment taċ-ċangatura), bil-Lhudi, jew aħjar bl-Aramajk, *Gabbata* (Għoli) (Ġw 19, 13). Hawn sar il-proċess ċivili, li fit-tmiem tiegħu Ġesù ġie kkundannat għall-mewt tas-salib (Mk 15, 1-15; Mt 27, 1-2.11-26; Lq 23, 1-7.13-25; Ġw 18, 28-19,16).

Biex wieħed jgħid is-sewwa, Pilatu pprova b'kull mod biex jeħles lil Ġesu', wara li ma kienx sab fih ebda ħtija. Bagħtu għand Erodi Antipa (Lq 23, 6-11), ried jeħlesilhom wieħed skont it-talba tagħhom u ppreferew brigant (Mk 15, 6-11); fl-aħħar ċeda għall-pressjoni tal-poplu u ħareġ is-sentenza tal-kundanna.

Sa mir-raba' seklu, lill-pellegrini Nsara li dejjem kienu qed jiżdiedu ġewwa Ġerusalemm, l-Insara tal-post kien juru, bħala l-Pretorju l-parti fil-Majjistral tal-ispjanata antika tat-tempju, fejn kienet tinsab il-Fortizza Antonia. Illum hemm skola Għarbija Musulmana (el-Ummariya). Il-pedamenti tal-Fortizza Antonia għadhom qatt ma ħarġu għad-dawl; jinsabu midfuna taħt metri ta' radam. Għadhom qed jistennew l-id ta' xi

arkeologu biex toħroġhom għad-dawl.

Sa mis-seklu 16 il-Franġiskani jibdew it-Triq tas-Salib mill-post fejn kienet tinsab il-Fortizza Antonia, l-Ewwel Stazzjon. Faċċata tal-iskola hemm il-kappelli tal-Flaġellazzjoni u tal-Kundanna ta' Ġesù, fis-sede ta' l-i*Studium Biblicum Franciscanum*. Dawn iż-żewġ kappelli jfakkru l-ġrajjiet evanġeliċi tal-flaġellazzjoni; il-kappella kif tidħol in-naħa tal-lemin u l-kundanna ta' Ġesù għall-mewt; dik fuq ix-xellug - dan hu l-post tat-Tieni Stazzjoni.

Il-knisja tal-Flaġellazzjoni hi marbuta mal-Pretorju. Il-post ġie akkwistat fis-sena 1831 minn nobbli Ġermaniż, Massimiljanu tal-Baviera, li żar l-Art Imqaddsa bħala pellegrin u, li meta kien hemm, ħa l-pesta u miet ġewwa pajjiżu meta rritorna lura. Kien Massimiljanu stess li tah lill-Franġiskani. Fl-1838 il-Franġiskani bnew il-knisja li hemm illum fuq il-pedament tal-fdalijiet ta' knisja antika ta' żmien il-Kruċjati. Għal xi żmien dawn il-fdalijiet kienu jintużaw bħala razzett.

## II Stazzjon: Ġesu' jerfa' s-Salib.

It-tieni stazzjoni jinsab immarkat, sa mill-1914, fuq il-ħajt ta' barra tal-Kappella tal-Kundanna. F'din il-kappella tiġbidlek l-attenzjoni statwa ħajja ħafna ta' Kristu jerfa' fuq spallejh l-istrument tal-passjoni tiegħu, din ix-xena tirrappreżenta l-ġrajja evanġelika: "Pilatu ra li kollox kien għalxejn, anzi li aktarx kienet ser tinqala' xi rewwixta, qabad u ħasel idejh bil-ilma…" (Mt 27, 24); imbagħad is-suldati tal-gvernatur wara li "għaddewh biż-żuffjett neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu" Mt 27, 31). Fil-vanġeli sinottiċi ma jissemiex b'mod speċifiku li Ġesù refa' s-salib. Dan jidher biss b'mod indirett mill-



ġrajja ta' Xmun iċ-Ċirinew, li kien imġiegħel jerfa' s-salib ta' Ġesù. Ma nafux jekk din l-għajnuna għamilhiex fil-bidu jew matul it-triq. Ara wkoll Lq 9, 23: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja."

Fil-fatt l-informazzjoni fuq dan tinsab fil-vanġelu ta' San Ġwann: "…huma ħadu lil Ġesù. Ġesù rafa' s-salib u ħareġ lejn il-post imsejjaħ il-Qorriegħa." (Ġw 19, 17). U skont it-tradizzjoni Nisranija hekk titwettaq il-profezija ta' Isaija fuq ix-xorti traġika tal-Qaddej ubbidjenti. Titwettaq f'Ġesù fil-mixja tiegħu bis-salib: "Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla miġjub fix-xejn" (Is 53, 4).

Mir-rakkonti tal-vanġeli tibqa' miftuħa l-kwestjoni jekk Ġesu' refax is-salib jew il-lasta orizzontali biss li kienet tiġi mwaħħla mal-lasta wieqfa fil-post tat-tislib. Minkejja kollox il-mixja, anke b'dan it-travu biss, kienet xorta waħda ta' tbatija ġewwa dawk it-toroq dojoq u iebsa ta' Ġerusalemm. Għalhekk it-tliet waqgħat li titkellem minhom it-tradizzjoni huma reali.

Minħabba l-ħafna nies li jattendu għat-Triq tas-Salib nhar ta' Ġimgħa, il-pellegrini ma jidħlux fil-Kappella tal-Kundanna u t-tifkira issir barra. Mal-ħajt tal-kappella hemm l-indikazzjoni ta' dan l-istazzjon.

Meta nħallu t-tieni stazzjon u nibdew mexjin lejn it-tielet wieħed ngħaddu minn fejn il-kappella tas-Sorijiet ta' Sijon u minn taħt l-ark, hekk imsejjaħ ta' *Ecce Homo*, li huwa marbut mal-ġrajja evanġelika: "U Ġesù ħareġ hemm barra, liebes il-kuruna tax-xewk u l-mantar aħmar; u Pilatu qalilhom:



Arawh hawn hu l-bniedem" (Gw. 19, 5). Fil-verità dan l-ark mhuwiex ta' żmien Kristu, imma tat-tieni nofs tat-tieni seklu wara Kristu. Kien ark trijonfali li kien qiegħed ġo pjazza tal-belt Rumana *Aelia Capitolina*. Dan l-ark kien magħmul minn tliet arkati, dak li jidher illum fit-triq huwa l-bidu tal-arkata tan-nofs, dan wieħed jista' jkompli jarah fil-knisja imsejħa ta' *Ecce Homo*; il-kumplament huwa moħbi taħt id-djar Għarab.

Waqt li nkomplu mexjin ftit ieħor ngħaddu minn quddiem il-proprjetà tal-Griegi Ortodossi fejn taħt l-art jiġu murija xi għerien (grotti) li ironikament jiġu msejħa 'il-ħabs ta'Ġesù'. Wara ftit, naslu f'salib it-toroq bejn il-Via Dolorosa u triq el-Wadi (wied tat-Tyropeon), fit-triq li mill-bieb ta' Damasku tieħdok fejn il-ħajt tal-Punent. Hekk kif wieħed idur fuq ix-xellug isib id-dħul għat-tielet stazzjon.

## III Stazzjon: Ġesù jaqa' għall-ewwel darba

Il-purċissjoni ħalliet il-fortizza Antonia. Ħarġu mill-bieb tal-belt u mxew lejn l-art xagħri fuq ix-xaqliba tal-Punent tal-belt. Ma kinetx triq faċli għax kienet tinżel lejn il-Wied tat-Tyropeon u minn hemm titla' lejn il-Qorriegħa. Riġlejn Ġesù kienu jirtogħdu. Is-suldati kienu qed jimbuttaw lill-ikkundannati. Kellhom itemmu xogħolhom kemm jista' jkun malajr!

Matul it-triq ix-xena bdiet tinbidel. Kien hemm ħafna oħrajn li ħargu 'l barra mill-ħitan tal-belt biex jaraw il-'purċissjoni' tal-ikkundannati. Dawn kienu l-aktar nisa. L-irġiel kellhom ħwejjeġ oħra x'jagħmlu. Kien lejlet il-festa tal-Għid u



għalhekk kellhom iħejju l-ħrief u fit-tlieta ta' wara nofsinhar jeħduhom biex joqtluhom fit-tempju. L-irġiel ta' Iżrael kienu qed iħejju l-ħrief għall-qatla. Is-suldati Rumani kienu qed jieħdu lill-"Ħaruf ta' Alla" (Ġw 1, 29-36) għall-qatla: " … ħaqruh u hu qagħad għalihom bla biss fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu …" (Iż 53, 7).

Il-vanġeli ma jsemmu l-ebda waqgħa ta' Ġesù. Dan ma jfissirx li din hi xi ħaġa ivvintata mit-tradizzjoni. Ġesù kien imfarrak wara lejl ta' proċess quddiem is-Sinedriju; u dik il-għodwa fil-pretorju ta' Pilatu kien ġie fflaġellat. Kien sofra pieni terribbli; il-kuruna tax-xewk f'rasu ovvjament għamlet feriti profondi, is-suldati Rumani sawtuh u għaddewh biż-żmien. Jekk qed nitkellmu minn sitwazzjoni ta' eżawriment fiżiku, mela xi ngħidu għal dak psikoloġiku kawżat mill-abbandun tad-dixxipli tiegħu; it-tradiment tad-dixxipli l-aktar fdati (Ġuda u Pietru), il-mibegħda, l-odju u l-akkużi tan-nies li għalihom hu għamel offerta  lilu nnifsu u li minnu ma rawx ħlief ġid. Dan kollu għamilha diffiċli għal Ġesù li jġorr is-salib. It-toqol tiegħu kien qed jgħaffġu u jmiddu mal-art. Kien minħabba f'hekk li r-Rumani sejħu lil ċertu Xmun minn Ċirene biex jgħinu jerfa' s-salib.

L-oratorju li hemm illum fejn jiġi mfakkar it-tielet stazzjon, ġie mibdul f'kappella sempliċi mill-Franġiskani fil-post fejn kien jinsab banju Tork antik sa mis-sena 1600. Il-kappella li hemm illum inbniet fit-tieni nofs tas-seklu 19 u ġie restawrat wara l-gwerra (1947-48) mis-suldati Polakki. Fil-kappella hemm statwa ta' l-irħam tirrappreżenta lil Ġesù taħt is-salib, tal-iskultur A. Minghetti. Quddiem it-tielet stazzjoni jiġbdu l-għajn blokki kbar ta' ċangatura li jiksu t-triq. Wisq probabli huma ta' epoka Rumana (II seklu) u li kienu parti mill-*Cardo Secundus*, it-triq parallela mal-*Cardo Maximus* tal-belt mibnija mill-imperatur Adrijanu. Din il-kappella hija propjetà ta' l-Armeni Kattoliċi.

## IV Stazzjoni: Ġesù jiltaqa' ma' ommu Marija.

Hekk kif noħorġu mill-kappella tat-tielet stazzjon, ftit metri 'l bogħod insibu mill-ewwel ir-raba' stazzjon. Kappella mibnija fl-1957 mill-Polakki mill-offerti miġbura minn Don Pietruszka. Dan l-aħħar dan l-istazzjon ġie mmexxi ftit metri 'l quddiem, appena toħroġ mit-tielet stazzjon. Dan sar għal raġunijiet prattiċi. Fejn hemm il-kappella, il-parti tat-triq hija dejqa ħafna u passaġġuża ħafna. Hi waħda mit-toroq li twassal sa fuq l-ispjanata tat-tempju fejn hemm mil-moskej u nhar ta' Ġimgħa tispiċċa mblukkata waqt il-Via Crucis. Biex jiġi evitat dan l-inkonvenjent, l-istazzjon ġie mressaq ftit metri 'l quddiem.

Dan l-istazzjon huwa indikat b'*altorilievo* li jirrappreżenta nofs bust bil-figura tal-Mulej flimkien ma' ommu Marija, xogħol l-iskultur T. Zielinski. Fi Frar tal-2008 ġie restawrat u kien hawn li




dan l-istazzjoni ġie meħud ftit metri 'l quddiem.

Antikament, fejn illum hemm dan ir-raba' stazzjon, kien hemm it-tifkira tal-laqgħa ta' Ġesú man-nisa ta' Ġerusalemm. Il-kappella li hemm illum hija biss bħala indikazzjoni ta' dan l-istazzjon. L-aktar ħaġa importanti li hemm huwa ark li jagħti fuq it-triq prinċipali. Skont it-tradizzjoni indikata, Marija, hekk kif toħroġ minn waħda mit-toroq tara lil Ġesú qed iġorr is-salib. Skont it-tradizzjoni Orjentali Marija, meta rat lil binha ħassha ħażin.

Fuq il-post fejn tradizzjonalment Ġesú jiltaqa' ma' Ommu il-Biżantini bnew knisja (V/VI seklu), li ġiet mibnija mill-ġdid mill-Kruċjati. Fuq dawn il-fdalijiet l-Armeni Kattoliċi, fis-sena 1876, bnew knisja ġdida ddedikata lil *Santa Maria dello Spasimo* (fil-Grieg *spasmós* tindika spażmu, aġitazzjoni qawwija, rogħda qawwija. Imma forsi dan l-isem mogħti lil Marija huwa frott ta' deformazzjoni tal-verb Grieg *aspasmós* li jfisser issellem, tgħannaq). Fil-kripta, fil-livell tat-triq antika li parti minnha giet ippreservata, wieħed jista' jara mużajk Biżantin, li fih hemm rappreżentat par sandli. Indikazzjoni tal-post fejn kienet Marija fil-mument li tiltaqa' ma' binha.

Il-vanġeli ma jitkellmux fuq il-laqgħa ta' Ġesú ma' ommu Marija. Imma nafu li Marija kienet preżenti fl-aħħar sigħat tal-ħajja ta' binha: kienet taħt is-salib taqsam miegħu l-agunija (Ġw 19, 25-27). Huwa raġonevoli li wieħed jissoponi li akkumpanjat mill-qrib lil binha fit-triq li kienet ser twasslu għall-post tat-tislib biex turih l-imħabba materna u s-solidarjetá umana tagħha. Il-*Vanġelu ta' Nikodemu* (apokrifu tal-V seklu) jirrakkonta li Marija rnexxielha tgħaddi minn qalb il-folla ostili u waslet fejn Ġesú li kien mitfuħ fl-art wara l-ewwel waqa'; ippruvat tqajmu; tissaporti bil-paċenzja l-insulti u d-daqqiet tas-suldati li kienu qed jakkumpanjaw lill-ikkundannat.

"Ġesú jerġá jaqbad it-triq lejn l-imkien tal-kundanna. Lill-ommu xi ħadd qalilha b'dak li kien qed jiġri. Ma setgħetx tissaporti l-ilħna mimlija mibegħda li kienu jgħajtu maġenb il-fortizza. Imma għamlet minn kollox biex tal-inqas tara lil binha. Kif seta' qatt xi ħadd jimmaġina mod ieħor? Hi kienet omm li ħabbet lil binha. Hi kienet omm li kienet taf sew lil binha u baqgħet miegħu f'kull mument ta' ħajtu.

F'dan il-waqt kiefer rabbiet il-kuraġġ u l-qawwa biex tkun ma' binha fit-'triq tas-salib'. Wieqfa fil-ġenb tat-triq ħasbet dwar il-ġrajjiet kollha ta' ħajjitha ma' binha. Kif setgħet f'waqtiet bħal dawk ma tiftakarx fil-ġrajjiet ta' ħajjithom flimkien?" (Via Crucis – John Abela ofm)




# IL-KONVERŻJONI FIL-BIBBJA

*Fr. Charles Buttigieg*

*"Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti" (Salm 50:3)*

## Il-kelma 'konverżjoni'

Ġesù beda l-missjoni tiegħu b'sejħa għall-konverżjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). Il-kelma Lhudija għal 'konverżjoni' hija 'xuv', li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', iddur lejn l-oriġini, mela ddur lejn Alla. Il-kelma Griega 'metanoia' hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-ħsieb' (meta - bidla, noeo - ħsieb) bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fir-ruħ. Fl-Atti tal-Appostli 9:35; 11:21; 15:3 għandna kelma Griega oħra, 'epistropho' li tfisser bidla fil-kondotta tal-ħajja: "In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh u daru

(epestrepsan) lejn il-Mulej" (9:35). Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu.

Interessanti wkoll li nsemmu r-rabta tan-numru erbgħin fil-Bibbja mal-konverżjoni. In-numru erbgħin huwa dejjem marbut ma' żmien ta' rikonċiljazzjoni tant mixtieqa. Għandna l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl tad-dulluvju f'Ġen 7:11; l-erbgħin sena tal-poplu jiġġerra fid-deżert qabel ma daħal fl-Art Imwiegħda f'Num 14:34; l-erbgħin jum għall-konverżjoni ta' Ninwe f'Ġona 3:4; l-erbgħin jum ta' Ġesù fid-deżert qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu f'Mt 4:2.

Il-Bibbja li hija l-istorja tas-salvazzjoni hija mmarkata mela mis-sejħa għall-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla.

## Il-Konverżjoni fl-Antik Testment

### 1. L-Indiema u l-Penitenza

Għedna li l-konverżjoni timplika bidla fil-ħsieb u ddur lejn Alla. Dan il-proċess jidher fil-Bibbja permezz tal-indiema u l-penitenza. L-indiema hija meta l-bniedem jagħraf u jammetti l-iżball li jkun għamel, jiddiżappruvah, jisgħobbih, jiddeċiedi li jħalli d-dnub u jibda ħajja ġdida. Il-penitenza li għandha tesprimi din l-indiema sinċiera sservi sabiex il-bniedem ipatti għal dnubietu u jimmatura iktar fir-ritorn tiegħu lejn Alla.

Fil-Bibbja nsibu sens qawwi ta' ndiema, pereżempju l-indiema individwali tas-sultan David li dineb



gravament u ġie mċanfar mill-profeta Natan, espressa fis-salmi tiegħu fosthom dak 50 (Il-Miserere): "Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti" (v.3). Insibu wkoll indiema komunitarja u ndiema nazzjonali.

Il-profeti kellhom proprju din il-missjoni li jsejħu lill-poplu għall-indiema, għal dik vera u sinċiera. Il-profeta Osea (fit-VIII seklu Q.K.) jikteb: "Jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju, li tagħrfu lil Alla rrid u mhux vittmi maħruqa" (Os 6:6). F'Ġeremija, qabel l-eżilju fis-VI seklu Q.K. nsibu: "Jekk intom tbiddlu għall-aħjar imġibitkom u għemilkom, jekk tagħmlu l-ħaqq bejn wieħed u għajru, jekk ma tgħakksux il-barrani, l-iltim u l-armla, u demm bla ħtija ma xxerdux f'dan il-post u wara allat oħra ma tmorrux b'deni tagħkom, inħallikom tgħammru f'dan il-post, fl-art li tajt lil missirijietkom minn dejjem għal dejjem" (Ġer 7:5-7).

Il-profeta Eżekjel fl-eżilju, jikteb: "Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu" (Eżek 18:28). Fit-tielet Isaija wara l-eżilju nsibu: "Jaqaw mhuwiex dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin u tkisser kull madmad?" (Is 58:6).

Il-profeta Ġona (fil-V seklu Q.K.) li jkun mibgħut minn Alla biex isejjaħ għall-indiema u għall-konverżjoni tal-poplu ta' Ninwe (illum il-belt ta' Mosul fl-Iraq). Il-profeta Ġoel fis-sena





400 Q.K. b'qawwa kbira nieda jum il-Mulej u stieden għall-konverżjoni vera: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom" (Ġoel 2:13).

## 2. Liturġiji penitenzjali

Fil-ktieb tal-Levitiku nsibu diversi sagrifiċċji bħala sinjal ta' ndiema; insibu s-sagrifiċċji tal-ħruq 'l-olakawst' (kap 1) fejn il-vittma kienet tinħaraq kollha kemm hi lil Alla u d-duħħan tal-vittma kien jogħla 'olah' lejn is-sema. L-iskop ta' dan kien qima lil Alla, talba għal xi grazzja u sinjal ta' ndiema u tpattija għad-dnubiet. Insibu s-sagrifiċċji tas-sliem u ta' devozzjoni, 'żebaħ xelamin' (kap 3) bħala ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Insibu wkoll is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, 'hattah' (kap 4) biex proprju jpatti għall-ħtija li wieħed ikun għamel u b'hekk jitnaddaf mit-tniġġis tiegħu. Il-vittma kienet biċċa tinħaraq fuq l-artal, biċċa tingħata lill-qassis u l-bqija kienet tinħaraq 'il barra mill-komunità. Insibu wkoll sagrifiċċji oħra ta' riparazzjoni minħabba nuqqasijiet lejn il-qassisin u s-santwarju.

Maż-żmien insibu diversi liturġiji penitenzjali bħala penitenzi komunitarji tassew żviluppati perezempju f'Neħemija kap 9, fejn insibu lil ulied Iżrael lebsin l-ixkejjer u bit-trab fuq rashom [1], samu, qraw mill-ktieb tal-liġi tal-Mulej, stqarrew dnubiethom, talbu għall-maħfra u taw qima lil Alla. Eżempji oħra huma f'Is 63:15-19 (dan l-kap inkiteb wara l-eżilju u huwa talba għall-ħniena u l-maħfra); Baruk 1:15-3 (is-segretarju ta' Ġeremija fejn fil-bidu tal-ktieb tiegħu hemm it-talba tal-poplu niedem) u Danjel 9:3-19 (li hija s-supplika tal-istess profeta fit-III seklu Q.K.). Minn dan kollu mela naraw, li l-poplu li jrid idur lejn Alla,

kien isum, jilbes l-ixkejjer, iqiegħed l-irmied fuq rasu, joffri sagrifiċċji għall-maħfra, jitlob bil-biki u jgħanni għana ta' niket.

## 3. Salmi penitenzjali

Għandna wkoll is-salmi penitenzjali sew individwali u sew kollettivi, li huma s-salmi 6; 32; 38; 50; 102; 130 u 143. Is-salm 130 (De profundis): "minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: isma Sidi l-leħen tiegħi!"(v.1-2) kien jitkanta mill-pellegrini lejn Ġerusalemm b'qalb niedma qabel il-liturġija u s-sagrifiċċju tal-maħfra.

## 4. Jum il-Maħfra

Il-verb fil-Lhudi għal 'maħfra' huwa 'kafar' li jfisser li 'tgħatti', 'tostor', 'taħbi', jista' jfisser ukoll 'timsaħ' kif ukoll 'tirrikonċilja' u 'tifdi'. Infatti il-'kofer' kien il-prezz tal-fidwa ta' persuna mill-jasar. Il-verb Malti 'ħafer' għandu konnessjoni ma' dan il-verb Lhudi. Il-kaph, 'k' Lhudija li tippronunzja eżattament bħall-'ħ' qawwija tal-Malti u l-'pe' Lhudija li tinħass 'f' meta tkun singola u 'p' meta rdoppjata; għalhekk fil-Lhudi għandna 'yom kippur', 'jum il-maħfra' u n-nom 'kapporeth', l-għatu, dik iċ-ċangatura tad-deheb li sservi ta' għatu għal fuq l-arka tal-patt.

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li n-nazzjon kollu ta' Iżrael darba fis-sena jniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija kif naraw f'Lev. 16, jum l-espjazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-poplu,



'Yom Kippur'[2] li taħbat fl-10 tax-xahar ta' Tixri (Settembru-Ottubru) u fejn il-Qassis il-Kbir liebes l-ilbiesi speċjali tal-penitenza kien jidħol darba fis-sena fil-post il-qaddis (fis-Sanctum Sanctorum) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Huwa diġà minn ġimgħa qabel kien jinqata'

waħdu min-nies u jagħmel penitenza qabel ma jidher quddiem il-Mulej. Il-poplu sa minn ġurnata qabel, kien jibda s-sawma li fiha la kien jiekol u anqas jixrob. Kien jilbes ilbies abjad b'sinjal ta' viżtu, uħud jilbsu lbies li jniggeż jew isawtu lilhom infushom, kienu jpoġġu anke l-irmied fuq ir-ras u l-irġiel ma jqaxxrux il-leħja.

Kien imbagħad f'dan il-jum ta' penitenza nazzjonali li l-poplu kien jinġabar fil-bitħa l-kbira tat-tempju, u jinqraw is-siltiet mill-kotba mqaddsa. Ix-xjuħ tal-poplu kienu jippreżentaw żewġ bdabad. Bix-xorti kien jintgħażel dak li jkun ta' Alla u dan jinqatel għas-sagrifiċċju u d-demm tiegħu kien jinġabar fi bwieqi biex jittraxxax parti minnu fil-post il-qaddis, fuq l-għatu tal-arka, il-propiżjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla) il-'hilasterion'. Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-Qassis il-Kbir jippronunzja l-isem sagru ta' Alla, 'Jahweh'. Imbagħad joħroġ bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha, sabiex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul u mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu li kien ħelishom mill-mewt.

Il-bodbod l-ieħor 'l-għażażel' wara li l-qassis ikun stqarr l-ħtijiet tiegħu u tal-poplu fuqu, kienu jitilquh fid-deżert iġorr fuqu d-dnubiet tal-poplu biex jiltaqa' mal-ispirtu ħażin tad-deżert, 'Għażażel'.

## Il-Konverżjoni fit-Testment il-Ġdid

Fil-Ġ.T. naraw lil Ġwanni l-Battista jistieden lin-nies u



jgħajjat bħal iljun: "Indmu, għax is-Saltna tas-smewwiet waslet" (Mt 3:2), espressa fil-magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet li hu kien jagħmel fix-Xmara Ġordan.

Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù wara erbgħin jum ta' irtir fid-deżert proprju jibda b'din l-istedina: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba" (Mk 1:15). Kristu li qabel xi miraklu, kien jitlob att ta' konverżjoni u ta' fidi: "il-fidi tiegħek fejqitek" (Mk 10:52). U fuq kollox it-tagħlim tiegħu, kien kontinwament stedina għall-indiema u l-maħfra kif naraw fil-parabboli tal-maħfra ta' Alla, per eċċellenza dik tal-Iben il-Ħali fejn għandna dik ix-xena kommoventi tat-tgħanniqa tal-missier ma' ibnu li kien 'mejjet' fid-dnub.

San Pawl ifisser din il-bidla, bil-kunċetti tal-bniedem il-qadim "imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa" u l-bniedem il-ġdid "maħluq" skont Alla. Din hija l-ħajja ġdida fi Kristu: "Għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (Ef. 4:22-24).

Il-predikazzjoni ta' San Pietru fl-Atti ta' l-Appostli hija wkoll stedina għall-indiema: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:39.)

L-Ittra lil-Lhud turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-santwarju tas-sema biex jidħol għalina. Kristu li hu nnifsu jsir il-'hilasterion' il-ġdid, l-għuda tas-salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha (ara Lhud 8:1-6).

Anke fl-Apokalissi l-aħħar ktieb fil-Bibbja, San Ġwann jistieden lill-Knisja ta' Efesu għall-penitenza u għall-indiema. "Mela issa, ġib quddiem għajnejk fiex waqajt; indem u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu" (Apok 2:5).

## Konklużjoni

Tajna ħarsa mela fil-qosor lejn il-mixja tal-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla fil-Bibbja. Ejjew aħna lkoll mgħammdin fi Kristu nwettqu l-missjoni tagħna li nikkonvertu kuljum u li ngħinu lill-oħrajn sabiex iqumu tassew mid-dlam tad-dnub tagħhom għall-glorja tal-qawmien ta' Kristu.

**Biblijografija**

Beauchamp, P., *I profeti d'Israele o il dramma di un'alleanza*, Cinisello Balsamo 1988.
Biedermann, H., *Dictionary of Symbolism*, New York 1992.
Garbini G., *Note di lessicografia ebraica*, Brescia 1998.
Küng, H., *Ebraismo. Passato, presente, futuro,* Milano 1999.
Lurker, M., *Wörterbuch biblischer Bilder und Symbole,* Munich 1987.
Meynet, R., *Morto e Risorto secondo le Scritture*, Bologna 2002.

1 Fil-kultura Griega u dik Feniċja l-irmied hu simbolu ta' qawmien mill-gdid.
2 Bil-Grieg 'hemera eksilasmou' u bil-Latin 'dies propitiationis' u fit-Talmud insibu 'jom som', 'jum is-sawm' bħalma hu msejjaħ fl-Atti 27:9.



# IS-SAĊERDOZJU TA' KRISTU FL-ITTRA LIL-LHUD (2)

***Noel Muscat ofm***

L-Ittra lil-Lhud hi waħda mill-kitbiet tat-Testment il-Ġdid li turi struttura u tematika oriġinali, għalkemm hi assoċjata mal-epistolarju ta' San Pawl. Rajna diġà li hemm problema dwar l-awtur tal-Ittra, kif ukoll ma tantx għandna dettalji ċari dwar id-datazzjoni u d-destinatarji tagħha. Imiss issa li naraw l-istruttura li tipprovdi l-qafas ta' din l-Ittra biex

imbagħad neżaminaw xi temi partikulari, u l-aktar dik li hi marbuta mas-saċerdozju ta' Kristu li jissostitwixxi s-saċerdozju tal-Patt il-qadim.

## Struttura tal-Ittra lil-Lhud

L-istudjużi normalment iqisu li l-Ittra lil-Lhud fiha żewġ taqsimiet ewlenin, jiġifieri parti dottrinali (1,1 – 10,18) u parti parenetika jew morali (10,19 – 13,25). Imma dan il-mod mhux dejjem eżatt għax fil-fatt l-awtur mhux l-ewwel darba li jħallat espożizzjonijiet dottrinali ma' eżortazzjonijiet morali (2,1-4; 3,7 – 4,16; 5,11 – 6,12), hekk li jibni rabta intima bejn il-fidi u l-esperjenza Kristjana.

Hemm ukoll mod ieħor kif tiġi maqsuma din l-Ittra, u dan jista' jgħinna fl-espożizzjoni tagħna, jiġifieri: 1) il-kelma ta' Alla (1,1 – 4,13); 2) is-saċerdozju ta' Kristu (4,4 – 10,8); 3) il-ħajja tan-Nisrani (10,19 – 13,25).

L-aħħar metodu ta' kif wieħed jista' jistudja l-Ittra lil-Lhud hu billi jaqsamha f'ħames sezzjonijiet, wara l-prologu li fih l-awtur jitkellem dwar kif Alla kellimna f'dan l-aħħar żmien fil-persuna ta' Kristu Ibnu (1,1-4).

(1) L-ewwel taqsima (1,5 – 2,18) tiżviluppa r-relazzjoni ta' Kristu ma' Alla, billi tipprova tiddefinixxi l-Isem ta' Kristu (1,5-4), kif ukoll f'relazzjoni mal-bnedmin (2,5-18) billi l-awtur jinqeda b'paragun bejn l-anġli u Kristu. Dan l-iżvilupp iwassal għall-affermazzjoni tas-saċerdozju ta' Kristu (2,17).

(2) It-tieni taqsima (3,1 – 5,10) tindika r-realizzazzjoni fi Kristu



taż-żewġ aspetti fundamentali ta' kull saċerdozju: Kristu jiġi ddikjarat bħala qassis il-kbir quddiem Alla (3,1-6), u hu solidali mal-bnedmin (4,15 – 5,10); il-pożizzjoni tiegħu nistgħu nqabbluha ma' dik ta' Mosè (3,2) u ta' Aaron (5,4). Fl-istess ħin l-awtur jinserixxi eżortazzjoni twila dwar il-fedeltà tan-Nisrani (3,7 – 4,14).

(3) It-tielet taqsima (5,11 – 10,39) tesprimi d-duttrina tal-Ittra fil-milja tagħha, għaliex tqiegħed għad-dawl elementi speċifiċi tas-saċerdozju ta' Kristu. Kristu hu l-qassis il-kbir taż-żminijiet ġodda (7,1-28); is-sagrifiċċju personali tiegħu hu għal kollox differenti mis-sagrifiċċji tar-riti antiki u hu jiftaħ it-triq lejn is-santwarju veru (8,1 – 9,28), għax hu ġabilna verament il-maħfra ta' dnubietna bit-tixrid ta' demmu (10,1-18). Dan is-sagrifiċċju tiegħu mela jtemm darba għal dejjem is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim, tal-Liġi u tal-Patt il-qadim.

(4) Fir-raba' taqsima (11,1 – 12,13) l-awtur jinsisti fuq żewġ aspetti fundmentali tal-ħajja spiritwali: il-fidi, fuq l-eżempji tal-missirijiet tal-qedem (11,1-40), u l-ħtieġa tal-perseveranza (12,1-13).

(5) L-aħħar taqsima (12,14 – 13,18) tippreżenta kwadru tal-eżistenza tan-Nisrani billi tistieden lill-fidili biex jimpenjaw ruħhom b'deċiżjoni fil-mixja lejn il-qdusija u l-paċi.

## Is-saċerdozju ta' Kristu fl-Ittra lil-Lhud: elementi fundamentali

L-Ittra lil-Lhud hi l-unika kitba dottrinali fit-Testment il-Ġdid li tippreżenta t-tema tas-saċerdozju ta' Kristu fil-kuntest tal-misteru Kristoloġiku. Hi biss tapplika għal Kristu l-isem ta' saċerdot u ta' qassis il-kbir. Għal din ir-raġuni l-Ittra għandha importanza kbira biex turi r-rabta ta' kontinwità imma fl-istess ħin ta' rottura li hemm, bejn il-kult tat-Testment il-Qadim (riti u sagrifiċċji, saċerdozju, santwarju ta' Alla ta' Iżrael) u l-kult tat-Testment il-Ġdid inawgurat fid-demm ta' Kristu.

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, il-persuna u l-ħidma ta' Ġesù ma tantx jidhru li huma marbutin ma' din il-forma ta' espressjoni ta' realtà reliġjuża. Ġesù ma kienx jappartjeni għal xi klassi saċerdotali (hu kien mit-tribù ta' Ġuda u mhux minn dik talevi), u qatt ma ppretenda li kien saċerdot. Il-mewt tiegħu fuq il-Kalvarju esternament ma tidhirx li kienet xi att ritwali, imma pjuttost piena kapitali.

Għal din ir-raġuni, biex il-karattru sagrifikali tal-passjoni u l-qawmien ta' Kristu mill-mewt jidher rivelat b'mod sħiħ, hu neċessarju li nagħmlu superament doppju: mill-banda l-waħda, irridu noħorġu mill-interpretazzjoni dejqa ta' kunċetti tradizzjonali rigward ir-riti Lhud, u mill-banda l-oħra rridu nagħrfu, 'l hemm mill-apparenzi, is-sens profond ta' din il-ġrajja li għalina l-Insara hi ġrajja salvifika. Dan il-pass it-tradizzjoni Kristjana tagħmlu meta tapplika għal Kristu t-testi profetiċi tal-Qaddej ta' Alla f'Isaija 53, u meta torbot il-mewt ta' Kristu maċ-ċelebrazzjoni sagrifikali tal-ħaruf tal-Għid tal-Lhud. L-awtur

jipprova juri r-rabta li hemm bejn iż-żewġ realtajiet biex hekk imbagħad jitkellem dwar is-superjorità tas-saċerdozju ta' Kristu, billi jagħmel riferimenti għar-riti antiki u s-sagrifiċċji ta' annimali fit-Tempju ta' Ġerusalemm, li għalina jidhru strambi.

Hu fi Kristu glorifikat, bħala riżultat tal-passjoni tiegħu, li l-awtur tal-Ittra lil-Lhud jagħraf il-milja tas-saċerdozju ta' Kristu. Kristu hu l-Iben ta' Alla u hu wkoll ħuna. Kristu glorifikat jiżgura lill-bnedmin li huma jistgħu jaslu għand Alla; għaldaqstant hu jsir il-qassis il-kbir. Is-saċerdozju tiegħu jissupera s-saċerdozju ta' Aaron (5,4-5). Fil-kumment eżeġetiku tas-Salm 110 l-awtur juri li Alla ried joħloq saċerdozju fuq linji ġodda fil-każ ta' Kristu: mhux saċerdozju marbut mad-dixxendenza Levitika tas-saċerdozju Lhudi, imma saċerdozju "skont l-ordni ta' Melkisedek" (7,1-28). Il-mewt u l-glorifikazzjoni ta' Kristu jikkostitwixxu sagrifiċċju veru; mhux biss, imma l-uniku veru sagrifiċċju li jissostitwixxi s-sagrifiċċji l-oħrajn kollha tal-Patt il-qadim. Dawn is-sagrifiċċji qatt ma setgħu jippurifikaw lill-bnedmin mid-dnub (9,9; 10,1-4). Il-mewt ta' Kristu hi offerta personali perfetta (9,14) li permezz tagħha l-bnedmin jiġu meħlusin mid-dnub darba għal dejjem biex joqogħdu taħt ir-rieda ta' Alla (5,8; 10,9-10). Bil-mewt tiegħu Kristu sar saċerdot etern li ġej mis-sema (9,24) u wettaq il-maħfra tad-dnubiet darba għal dejjem billi waqqaf Patt il-ġdid u li jibqa' għal dejjem (9,15; 13,20). Id-demm ta' Kristu jdaħħalna fil-preżenza ta' Alla fis-santwarju veru (10,19).

Għaldaqstant nistgħu nitkellmu minn:

(1) Kristu bħala qassis il-kbir li jħenn għall-midinbin (4,14 – 5,10)

(2) Kristu bħala qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek (7,1-28)

(3) Kristu bħala qassis li joffri lilu nnifsu b'sagrifiċċju tal-Patt il-ġdid u ta' dejjem billi jxerred demmu fuq is-salib (9,11-23)

(4) Kristu li jidħol fis-santwarju veru tas-smewwiet bl-uniku sagrifiċċju tal-ubbidjenza tiegħu lejn ir-rieda tal-Missier (9,24 – 10,18).





*Trid tiġi l-Art Imqaddsa?*
**Ejja mal-Franġiskani.**

Il-Franġiskani huma l-Kustodji tas-Santwarji tal-Fidwa f'isem il-Knisja Kattolika. Ilhom preżenti mill-1217 fl-Art ta' Ġesù. Il-"Patrijiet tal-Ħabel", kif inhuma magħrufin il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, jgħinuk tagħmel pellegrinaġġ li ma tinsiehx. Jgħinuk tgħix il-paġni ta' l-Evanġelju fuq l-istess postijiet li seħħu, b'differenza.

Għax huma dawn il-postijiet jgħixu fihom. Jgħinuk tifhem ġrajjiet ta' storja u monumenti ta' arkeoloġija li huma stess ħarġuhom għad-dawl.

F'Malta l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joffrilek dan is-servizz professjonali bil-pellegrinaġġi lejn l-Art Qaddisa li l-Papa Pawlu VI sejħilha "il-Ħames Evanġelju".

kummissarjat
ta' l-art imqaddsa

pellegrinaġġi 2010



l-art imqaddsa

mal-franġiskani

19 April - 27 April
16 Mejju - 24 Mejju
30 Mejju - 7 Ġunju
18 Lulju - 26 Lulju
1 Awwissu - 9 Awwissu
29 Awwissu - 6 Settembru
12 Settembru - 20 Settembru

Art Imqaddsa u Sinai
02 Novembru - 12 Novembru

8, Triq Santa Luċija
Valletta, VLT 1188
21 24 22 54 tel
21 25 20 31 fax
comalt@ofm.org.mt

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254

